Rapport Annwali 2005



# It-tfal ma jistgħux jistennew

Kummissarju għat-Tfal

Commissioner for Children

Rapport Annwali 2005



# It-tfal ma jistgħux jistennew

*L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal twaqqaf skond it-termini ta' l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal ta' l-2003, biex jippromwovi il-ħarsien tat-tfal u l-qbil mal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Ġnus Magħquda, kif ratifikata minn Malta, kif ukoll dawk it-trattati internazzjonali, konvenzjonijiet u ftehimiet relatati mat-tfal li huma, jew jistgħu jigu ratifikati, jew b'xi mod Malta tista' tissieħeb magħhom.*

Kummissarju għat-Tfal

Commissioner for Children

**Werrej**

Messaġġ tal-Kummissarju 3

Il-Kummissarju u l-Uffiċċju tagħha 5

1. Rapport ta' l-Attivitajiet tal-Kummissarju 9

2. Deskrizzjoni ġenerali tal-qagħda tat-tfal f'Malta u *survey* ta' l-iżviluppi li jkunu laqtuhom 15

3. Rakkomandazzjonijiet dwar il-ħtieġa ta' leġislazzjoni jew bidla fir-regoli jew *policies* 37

Ilmenti Individwali magħmulin lill-Uffiċċju fl-2005 42

Formola ta' l-Ilmenti 44

© Drittijiet kolla miżmuma 2006
Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal

Pubblikat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal,
Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta
Tel: +356 2590 3105
Fax: +356 2590 3101
Email: sonia.camilleri@gov.mt

Ritratt fuq il-qoxra: il-membri żgħażagħ tal-Kunsill 2005/2006:
Shanna Spiteri, Lara Camilleri, Malone Debono u Charlot Borg
Ritratt tal-qoxra meħud minn: Daniela Debono
Ritratti oħrajn meħuda minn: Manuel Fenech u Daniela Debono

Dan il-ktieb għandu d-drittijiet kollha miżmuma u qed jitqassam bil-kundizzjoni li ma jistax jinbiegħ, jinsilef jew jerġa' jingħata b'xejn kif ukoll li ma jsir fih ebda tibdil fil-forma jew fil-produzzjoni teknika tiegħu mingħajr il-permess bil-miktub tal-pubblikatur.

Għalkemm il-Kummissarju talbet tagħrif mingħand il-ministeri, entitajiet u dipartimenti tal-gvern, kunsilli lokali, skejjel, djar residenzjali għat-tfal, parroċċi, għaqdiet mhux governattivi, u l-medja dan ir-rapport huwa msejjes primarjament fuq ir-reazzjonijiet li waslu l-Uffiċċju.

**Il-Messaġġ tal-Kummissarju**

# It-tfal ma jistgħux jistennew

*Huwa bi pjaċir li qed nippreżenta t-tieni rapport annwali tiegħi bħala Kummissarju għat-Tfal f'Malta. Ir-rapport, li jkopri l-perijodu minn Jannar sa Diċembru 2005, se jgħin biex juri l-passi konsiderevoli li din l-Istituzzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Malta b'riżq it-tfal qed tagħmel bla waqfien b'modi li huma ovvji għall-pubbliku u l-medja, u b'modi oħrajn li forsi huma inqas ovvji.*



Is-sena 2004 kienet waħda ta' żjajjar kostanti lill-skejjel, lill-għaqdiet taż-żgħażagħ, lid-djar tat-tfal u l-ambjenti l-oħrajn kollha fejn jien stajt niltaqa' mat-tfal, u dan tani l-ewwel intuwitu tas-sitwazzjoni tat-tfal f'Malta.

Fis-sena 2005, iffokajt aktar fuq ħwejjeġ speċifiċi li fl-ewwel sena kienu ġew identifikati bħala li kienu jeħtieġu attenzjoni speċjali, u kienu varati erba' proġetti ewlenin, li tnejn minnhom kienu nbdew ma' l-Awtorità tax-Xandir ta' Malta u ma' l-Uffiċċju ta' l-Istatistika Nazzjonali. L-akbar importanza ingħatat lit-Tfal b'Imġieba Diffiċli Ħafna, Kors għad-Drittijiet tat-Tfal għaż-Żgħażagħ, stħarriġ nazzjonali fuq it-Tfal u l-Użu ta' l-Internet u Programmi ta' Kwalità għat-Tfal fuq it-Televiżjoni. L-ewwel tlieta minn dawn il-proġetti tlestew.

Il-kampanja ta' għarfien dwar id-Drittijiet

tat-Tfal u l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal kienet intensifikata, u din is-sena tqassmu 15,000 *sticker* li kienu juru l-logo, l-indirizz tal-posta elettronika u numru tat-telefon tal-Kummissarju lil tfal u żgħażagħ fi skejjel, djar u għaqdiet li jien żort personalment. Fl-istess waqt, kien hemm preżenza ma taqta' xejn fuq il-Medja sabiex jintlaħqu nies ta' kull età. Iż-żjieda sinjifikanti ta' 100% fl-ilmenti individwali li waslu fl-Uffiċċju tixhed sewwa l-effett li kellha dil-kampanja.

It-twaqqif ta' l-Uffiċċju għadu jitlob xogħol ta' reqqa kbira. Madankollu, sar ħafna xogħol ta' tħejjija sabiex fis-sena 2006, grazzi għal żieda fil-baġit ta' l-Uffiċċju, tkun uffiċjalment impjegata l-ewwel persuna fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal. Ingħata bidu għal pjani biex inġorru għal post aħjar sabiex l-indipendenza ta' l-Uffiċċju mill-gvern tkun enfasizzata.

Verità bażika li dejjem tajtha importanza f'dawn is-sentejn hija li *"It-Tfal ma jistgħux jistennew."*

B'dan quddiem għajnejja, fil-Jum Dinji tat-Tfal 2004, tlabt għal Att dwar it-Tfal sabiex id-drittijiet tat-tfal ikunu effettivament protetti. Tlabt ukoll li jiżdied imħallef fil-Qorti tal-Familja u li jkun hemm aktar riżorsi biex jintużaw fis-servizzi meħtieġa mit-tfal fl-iskejjel, fis-sistema ġustizzjarja u fis-servizzi soċjali.

Għalkemm saru xi emendi fil-leġislazzjoni, u nħatar Imħallef ieħor għall-Qorti tal-Familja, xorta waħda għad ma hemm ebda Att dwar it-Tfal, u t-tfal l-aktar vulnerabbli tagħna għadhom jitniżżlu fil-listi biex jistennew minħabba n-nuqqas ta' professjonisti fejn it-tfal jeħtiġuhom l-iktar.

Il-familji li jiffosterjaw u t-tfal tagħhom qegħdin jistennew ħerqana l-Att dwar il-Fostering li qiegħed jitfassal. Il-liġi se ssir bil-ħsieb li tirregola l-fostering u tkun ta' għajnuna għal koppji li b'tant ġenerożità ffosterjaw tfal mingħajr ma kien hemm ebda leġislazzjoni speċifika li tappoġġjahom, u li ilhom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet bla għadd. Nittama illi l-abbozz tal-liġi, ladarba tkun ippubblikata, tiġi diskussa bla dewmien mill-Kamra tar-Rappreżentanti.

It-tfal huma kważi kwart tal-popolazzjoni ta' Malta iżda għad mhumiex jingħataw l-attenzjoni li jistħoqqilhom.

Politika ta' *"It-tfal ma jistgħux jistennew"* jeħtieġ li tiġi adottata mill-ministeri u d-dipartimenti tal-Gvern. Is-servizzi għat-tfal m'humiex meqjusin biss b'modi finanzjarji'– hemm drittijiet għal żvilupp, drittijiet għal parteċipazzjoni, drittijiet għal protezzjoni – li jeħtieġ li jiġu mħarsa meta t-tfal ikunu għadhom tfal. Id-dewmien fl-implementazzjoni xierqa ta' drittijiet bħal dawn iħalli effetti ta' dannu li jafu jinfluwenzaw lit-tfal tul ħajjithom kollha. Jekk ma niftħux għajnejna u nintebħu b'din ir-realtà, ma jkunux it-tfal biss li se jkomplu jbatu, iżda tbati s-soċjetà kollha.

**Sonia Camilleri**
Kummissarju għat-Tfal

**Ir-Rwol tal-Kummissarju għat-Tfal**

# It-tfal fil-mira ta' l-attenzjoni

*Ir-rwol tal-Kummissarju għat-Tfal, kif megħjun mill-Kunsill għat-Tfal, huwa li jippromwovi l-għarfien tad-drittijiet tat-tfal, li jasserixxi dawn id-drittijiet fil-qafas legali u amministrattiv u li jimmonitorja is-servizzi tat-tfal. Fuq kollox, ir-rwol tal-Kummissarju hu li jagħti leħen lit-tfal. L-'Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal' żied l-għodda f'idejn il-Kummissarju billi tah il-poter li jinvestiga ilmenti jew anke jieħu l-inizjattiva hu, kif ukoll joħroġ rakkomandazzjonijiet, stqarrijiet ta' impatt fuq it-tfal u ordnijiet ta' osservanza.*

## Prinċipji ta' Direzzjoni

### Artiklu 10: Prinċipji ta' direzzjoni

*Il-Kummissarju għandu jkollu bi gwida dawn il-prinċipji ġenerali li ġejjin:*

*(a) li l-aqwa interessi tat-tfal u tal-familja jiġu l-ewwel u qabel kollox;*

*(b) li t-tfal kollha għandhom jiġu trattati b'dinjità, rispett u sens ta' ġustizzja;*

*(c) li tfal b'diżabilità u tfal li jgħixu f'ċirkostanzi familjari jew soċjali żvantaġġati għandhom igawdu l-istess kwalità ta' ħajja bħat-tfal l-oħra kollha;*

*(d) li t-tfal u l-familji tagħhom għandu jkollhom kull opportunità li jipparteċipaw f'deċiżjonijiet li jolqtuhom u fid-definizzjoni, l-ippjanar u l-evalwazzjoni ta' servizzi lit-tfal; u*

*(e) li l-gvern, il-familji u l-komunitajiet jaqsmu kull responsabbiltà għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp u l-ġid tat-tfal.*

## Funzjonijiet tal-Kummissarju

Dawn li ġejjin huma l-funzjonijiet tal-Kummissarju kif imniżżlin f'artikli 9 u 11 ta' l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal.

### Artiklu 9: Funzjonijiet tal-Kummissarju

*(a) li jippromwovi u jaqbeż għad-drittijiet u l-interessi tat-tfal;*

*(b) li jiżgura li t-tfal ikunu qed jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom u li dawn fil-fatt jiġu kkunsidrati;*

*(c) li jippromwovi l-ħarsien ta' l-għaqda tal-familja;*

*(d) li jġib 'il quddiem kull appoġġ adegwat lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal tagħhom;*

*(e) li jrawwem l-iżvilupp ta' kura alternattiva għal tfal li jeħtiġuha b'referenza speċjali għall-fostering u għall-adozzjoni;*

*(f) li jfittex li jiżgura li d-drittijiet u l-interessi tat-tfal jitqiesu kif għandu jkun minn dipartimenti tal-gvern, awtoritajiet lokali, korpi pubbliċi u organizazzjonijiet volontarji u pubbliċi oħra meta jittieħdu deċiżjonijiet fuq policies li jolqtu lit-tfal;*

*(g) li jippromwovi l-ħarsien tat-tfal minn ħsara fiżika jew morali u telqien, inkluż kull abbuż jew sfruttament sesswali;*

*(h) li jippromwovi l-ogħla standards ta' servizzi ta' saħħa u servizzi soċjali għan-nisa waqt it-tqala tagħhom u li jippromwovi l-ħarsien u l-protezzjoni speċjali, inkluża l-protezzjoni legali xierqa, għat-tfal kemm qabel kif ukoll wara t-twelid;*

*(i) li jippromwovi l-ogħla standards ta' servizzi ta' saħħa, edukazzjoni u servizzi soċjali għat-tfal;*

*(j) li jippromwovi l-ogħla standards ta' mistrieħ, logħob u faċilitajiet rikreattivi għat-tfal;*

*(k) li jiżgura li jittieħdu l-miżuri kollha possibbli mill-awtoritajiet relevanti biex jipprevjenu u jirrimedjaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali minn fost it-tfal;*

*(l) li jippromwovi konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal kif ratifikata minn Malta u ma' kull trattat internazzjonali, konvenzjoni jew ftehim ieħor bħal dawk li jkollhom x'jaqsmu mat-tfal kif inhuma jew jistgħu jkunu ratifikati jew xort'oħra jsir aċċess għalihom minn Malta.*

## Artiklu 11: Il-promozzjoni ta' l-aqwa interessi tat-tfal

Bil-għan li jippromwovi l-ġid tat-tfal u jżomm kontroll kontinwu fuq il-kondizzjonijiet li taħthom it-tfal jiżviluppaw, il-Kummissarju għandu:

*(a) jipprovdi edukazzjoni u informazzjoni pubblika maħsuba biex jippromwovu kull għarfien tad-drittijiet tat-tfal;*

*(b) jagħti bidu għal miżuri biex jiġu assertiti d-drittijiet u jinġiebu 'l quddiem l-interessi tat-tfal;*

*(c) jiġbor informazzjoni u jinvestiga kull ksur allegat tad-drittijiet tat-tfal inkluża l-mewt ta' xi tifel jew tifla jekk il-Kummissarju jqis li investigazzjoni bħal dik tkun meħtieġa;*

*(d) jistabilixxi standards li għandhom jiġu applikati minn ministeri, dipartimenti jew aġenziji tal-Gvern sabiex jiġi żgurat li l-proċessi ta' reviżjoni interni tagħhom ikunu jwieġbu għall-ilmenti dwar deċiżjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-għoti ta' servizzi maħsubin għat-tfal;*

*(e) jikkontrolla dwar jekk il-ministeri, id-dipartimenti jew l-aġenziji tal-Gvern imsemmija fil-paragrafu (d) jkunux qegħdin jilħqu l-istandards stipulati taħt dak il-paragrafu;*

*(f) jiġbor informazzjoni, u jmexxi jew jinkoraġġixxi riċerka dwar materji rilevanti għas-servizzi għat-tfal;*

*(g) jiżgura li dawk is-servizzi fir-rigward tat-tfal ikunu:*

*(i) aċċessibbli,*

*(ii) bbażati fil-komunità,*

*(iii) koordinati u integrati,*

*(iv) inklusivi ta' sess, kultura u lsien, u*

*(v) iwieġbu għal ħtiġiet individwali;*

*(h) jipprovdi edukazzjoni u informazzjoni pubblika maħsubin biex jippromwovu għarfien tal-ħidma tal-Kummissarju, u jistieden kummenti mill-pubbliku fuqu;*
*(i) jikkontrolla u jistma kull policy u prattika ta' servizzi ta' ħarsien soċjali li jolqtu lit-tfal;*
*(j) jiżgura li l-leġislazzjoni relatata mal-ħarsien ta' l-interessi tat-tfal tiġi osservata;*
*(k) jaġixxi ta' portavuċi għad-drittijiet, ħtiġiet u interessi tat-tfal u joħroġ bi proposti għal miżuri li jistgħu jsolvu jew jipprevjenu konflitti bejn it-tfal u s-soċjetà;*
*(l) jagħti pariri lill-Gvern u jipproponi lill-Gvern dawk il-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex ikun jista' jiġi provdut dwar id-drittijiet u l-interessi tat-tfal.*

**Il-Kunsill għat-Tfal**

Il-funzjoni tal-Kunsill għat-Tfal hija li jagħti pariri u jgħin lill-Kummissarju fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha u fil-promozzjoni tal-ġid tat-tfal. Il-Kunsill huwa inkarigat li jissorvelja li jkun hemm konformità mal-Konvenzjoni tan-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal u ma' kull trattat, konvenzjoni u ftehim internazzjonali simili ieħor li jkollhom x' jaqsmu mat-tfal li Malta rratifikat jew aderixxiet għalihom.

Fl-2005, il-Kunsill għat-Tfal kien kompost minn:

| | |
|---|---|
| Ms Sonia Camilleri | Chairperson, Kummissarju għat-Tfal |
| Ms Micheline Sciberras | Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg |
| Mr Leonard Callus | Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali |
| Dr Richard Zammit | Ministeru tas-Saħħa |
| Ms Louise Calleja | Ministeru tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni |
| Dr Anna Felice | Ministeru tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni |
| Hon Clyde Puli | Kumitat ta' l-Affarijiet Soċjali |
| Dr Arthur Azzopardi | Membru kooptjat |
| Mr Charlot Borg | Membru Żagħżugħ kooptjat |
| Ms Lara Camilleri | Membru Żagħżugħa kooptjata |
| Mr Malone Debono | Membru Żagħżugħ kooptjat |
| Ms Annabelle Muscat | Membru Żagħżugħa kooptjata |
| Ms Marian Muscat Azzopardi | Membru kooptjat |
| Mr Mark Anthony Sammut | Membru Żagħżugħ kooptjat |
| Ms Maria Seguna | Membru Żagħżugħa kooptjata |
| Ms Shanna Spiteri | Membru Żagħżugħa kooptjata |
| Ms Marie Testa | Membru kooptjat |

Ms Annabelle Muscat, Ms Maria Seguna, Mr Mark Anthony Sammut kienu membri tal-Kunsill sa Lulju ta' l-2005.

Mr Charlot Borg, Ms Lara Camilleri, Mr Malone Debono u Ms Shanna Spiteri kienu kooptjati f' Settembru ta' l-2005.

Dr Arthur Azzopardi kien kooptjat f' Ottubru ta' l-2005.

### L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal

L-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal daħal fis-seħħ fil-5 ta' Diċembru 2003, u s-Sinjura Sonia Camilleri bdiet il-mandat tagħha fis-16 ta' Diċembru 2003.

*L-Uffiċċju hu preżentament kompost minn:*

| | |
|---|---|
| Ms Sonia Camilleri | |
| Kummissarju għat-Tfal | Part Time |
| Ms Carmen Cassar | |
| Skrivana/Segretarju | Full Time |
| Ms Daniela DeBono | |
| Riċerka, Zvilupp u Relazzjonijiet Internazzjonali | Full Time |

Barra minn dawn:

- Dr Ruth Farrugia kienet l-uffiċjal legali ta' l-Uffiċċju sa April 2005. Minn dakinhar 'l hawn ħarġet sejħa ta' applikazzjoni għal post ta' uffiċjal legali.
- Mr Manuel Fenech kien b'self mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kien fl-Uffiċċju sa Lulju 2005.

Il-Kummissarju tagħraf ix-xogħol volontarju mogħti lill-Uffiċċju minn Ms Han WildeBoer, Ms Arancha Suarez-Fuentes, Ms Claranne Micallef, Ms Bernadette Micallef u Mr Anthony Micallef.

Il-Baġit Annwali għas-sentejn 2004 u 2005 kien Lm10,000 fis-sena (madwar 24,000 ewro) li minnhom tnaqqsu l-ħlas ta' l-onorarja u parti mill-pagi.

Għall-2006, dan żdied għal Lm25,000 fis-sena (madwar 60,000 ewro).

### Il-Perijodu kopert minn dan ir-rapport

Dan ir-rapport ikopri s-sena 2005 u ġie mħejji skond kif jitlob l-Artiklu 19 ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Tfal li jiddikjara li:

#### Artiklu 19: Rapport Annwali

*(1) Il-Kummissarju għandu, mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara tmiem kull sena kalendarja, jagħmel u jibgħat lill-Ministru, rapport annwali li għandu jinkludi:*

*(a) rapport ta' l-attivitajiet tal-Kummissarju tul is-sena;*

*(b) deskrizzjoni ġenerali tal-qagħda tat-tfal f'Malta u survey ta' l-iżviluppi li jkunu laqtuhom;*

*(ċ) rakkomandazzjonijiet dwar il-ħtieġa ta' leġislazzjoni jew bidla fir-regoli jew policies; u*

*(d) kull reazzjoni li tkun saret lill-Kummissarju skond dan l-Att.*

*(2) Il-Ministru għandu, ma' l-ewwel opportunità u mhux aktar minn tmien ġimgħat wara li jkun irċieva kopja ta' kull rapport bħal dak, jew jekk f'xi żmien tul dak il-perjodu l-Kamra tad-Deputati ma tkunx qed tiltaqa', fi żmien tmien ġimgħat mill-bidu tas-sessjoni li jmiss, jordna li kopja ta' kull rapport bħal dak titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.*

L-Attivitajiet tal-Kummissarju

# 1. Rapport ta' l-Attivitajiet tal-Kummissarju

## 1.1. Il-ħidmiet ewlenin fl-2005

Il-ħidmiet ewlenin li kkonċentrajna fuqhom fl-2005 kienu:

- It-Tfal u l-Medja
- Tfal bi Mġieba Diffiċli Ħafna
- It-Tfal u l-Użu ta' l-Internet
- Kors ta' Taħriġ għaż-Żgħażagħ dwar id-Drittijiet tat-Tfal

### *1.1.1. It-Tfal u l-Medja*

Il-Kummissarju għat-Tfal u l-Awtorità tax-Xandir ta' Malta waqqfu grupp ta' ħidma biex jiddiskuti u jissottometti emendi għal provvedimenti għall-protezzjoni tal-minorenni fil-Liġi tax-Xandir. Kien miftiehem li l-grupp ta' ħidma kellu jiffoka fuq żewġ punti ewlenin:

a. jipproponi emendi għal-leġislazzjoni preżenti dwar ix-xandir sabiex il-minorenni jkunu protetti aktar minn diversi forom ta' esplojtazzjoni u abbuż;
b. li jfassal u possibilment jinkludi wkoll fil-proposti sett ta' pariri għal programmi ta' kwalità tajba għat-tfal.

Wara serje ta' laqgħat ma' professjonisti f'dan il-qasam, il-grupp ta' ħidma fassal lista tad-diffikultajiet ewlenin li jiltaqgħu magħhom il-professjonisti differenti kif ukoll ostakli li



*Mix-xellug: Daniela DeBono, Uffiċjal mal-Kummissarju, Charlot Borg, membru żgħażugħ tal-Kunsill, il-Kummissarju, Stephen Zerafa, riċerkatur u parteċipanta waqt il-Round Table Conference organizzata flimkien ma' l-Awtorità tax-Xandir*

qegħdin ifixklu, sewwa l-produzzjoni ta' programmi lokali tajbin u l-'importazzjoni' ta' programmi għat-tfal minn pajjiżi oħra. Il-grupp ta' ħidma fassal linji ta' gwida għal programmi ta' kwalità għat-tfal u għal pjan ta' strateġija. Dawn kienu diskussi f'Ottubru 2005 waqt *Round Table Conference* ma' professjonisti li jaħdmu f'dan il-qasam.

Huwa ppjanat li fl-2006 tkun organizzata Konferenza Nazzjonali biex ikun hemm aktar konsultazzjoni ma' kulmin hu involut.

### *1.1.2. Tfal bi Mġieba Diffiċli Ħafna*

L-għan tal-proġett hu li jitfassal sett ta' proposti li juri kif tfal u żgħażagħ bi mġieba diffiċli ħafna jistgħu jiġu megħjunin b'mod dinjituż. Il-proġett jinkludi fih riċerka fuq il-modi differenti li hija ppreżentata mġieba diffiċli ħafna u xi strutturi hemm disponibbli preżentement biex jilqgħu għal ħtiġiet speċifiċi ta' tfal u żgħażagħ bi mġieba diffiċli ħafna. Il-proposti finali se jiġu ppreżentati lill-Gvern.

Id-definizzjoni bażika ta' mġieba diffiċli użata f'dan il-proġett hi "Imġieba ta' ċerta intensità, frekwenza jew dewmien li biha s-sigurtà fiżika tal-persuna nnifisha jew ta' l-oħrajn titpoġġa f'periklu serju, jew imġieba li tillimita serjament l-aċċess tal-persuna f'ambjenti, attivitajiet u esperjenzi ordinarji"

F' Malta, m'hemm ebda program komprensiv ta' riabilitazzjoni għal tfal u żgħażagħ bi mġieba diffiċli 'ħafna'. Tfal u żgħażagħ li għandhom dawn il-problemi ħafna drabi jispiċċaw jintbagħtu l-Isptar Psikjatriku Monte Carmeli, anke jekk mhux bilfors ikunu jeħtieġu għajnuna psikjatrika, u ħafna drabi jitpoġġew fis-swali ta' l-adulti. Meta persuni żgħażagħ jinstabu ħatja li wettqu xi reat kriminali jintbagħtu fit-Taqsima taż-Żgħażagħ tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Iż-żewġ istituzzjonijiet jidher li mhumiex adekwati għal tfal u żgħażagħ bi mġieba ta' dan it-tip.



*Parteċipanti ta' Kors ta' taħriġ fuq id-Drittijiet tat-Tfal "Rispett, Responsabilitajiet, Drittijiet"*

Il-Kummissarju għat-Tfal ikkoordinat ħames gruppi ta' ħidma li rriċerkaw bis-sħiħ u kkompilaw rapporti fuq l-aspetti differenti ta' l-oqsma li jnisslu tħassib: statistika; storja ta' servizzi; servizzi kurrenti u kura residenzjali; suġġerimenti minn barra l-pajjiż, u laqgħat mat-tfal.

Il-ħames grupp ta' ħidma li ddokumenta il-perspettivi tat-tfal dwar imġieba diffiċli ħafna u servizzi eżistenti f'Malta, kien eżerċizzju eċċellenti u professjonali ħafna dwar il-*Parteċipazzjoni tat-Tfal* u r-rapport huwa bis-sewwa kollu intitolat: *'Arani. Ismagħni.'*

Grupp ta' ħidma finali ngħata l-inkarigu li jfassal il-proposti li għandhom jiġu sottomessi lill-gvern, fuq il-bażi tal-ħames rapporti.

Huwa mistenni li tiġi organizzata Konferenza Nazzjonali fl-2006 biex jiġu ppreżentati r-rapporti tal-gruppi ta' ħidma u l-proposti finali.

#### *1.1.3. It-Tfal u l-Użu ta' l-Internet*

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal ipparteċipa fi grupp ta' ħidma imwaqqaf mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika fuq "L-Użu ta' l-Internet mit-Tfal u ż-Żgħażagħ". Jagħmlu parti mill-grupp ta' ħidma kien hemm ukoll rappreżentanti mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg, mill-Ministeru ta' l-Informazzjoni, Teknoloġija u Investiment, mill-Awtorità ta' Komunikazzjoni ta' Malta, u mill-Pulizija.

Kien żviluppat proġett ta' riċerka u ntbagħat kwestjonarju lil fuq minn 3,000 tifel u tifla minn 59 skola f'Malta u Għawdex.'Ir-riżultat ta' din ir-riċerka kien ippubblikat.

#### *1.1.4. Kors ta' Taħriġ għaż-Żgħażagħ dwar id-Drittijiet tat-Tfal, "Drittijiet, Rispett u Responsabilitajiet"*

Bejn l-1 u it-3 ta' Lulju 2005, l-Uffiċċju tal-Kummissarju organizza kors ta' taħriġ għal tfal u żgħażagħ (bejn it-13 u s-16-il sena) dwar id-drittijiet tat-tfal. Il-kors tmexxa minn uffiċjali mill-Uffiċċju tal-Kummissarju bl-għajnuna ta' Youthscope, NGO lokali li toffri servizzi ta' *youth workers.* Ms Simone Ek, Konsulent fil-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal u uffiċjal ta' *Save The Children* ta' l-Isvezja, kienet mistiedna speċjali. Hi mexxiet sezzjonijiet dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda u kienet ta' għajnuna waqt diskussjoni plenarja dwar il-politika Svediża li ma tippermettix swat (*no-smack policy*).

Wara Ii saret sejħa wiesgħa għal nominazzjonijiet minn fost skejjel, NGOs u kunsilli lokali, bejn tfal u żgħażagħ intgħażlu 70 biex jattendu l-kors.

Matul l-aħħar jiem tal-kors iż-żgħażagħ eleġġew 4 rappreżentanti biex jirrappreżentaw lit-tfal u ż-żgħażagħ fil-Kunsill għat-Tfal.

### 1.2 Edukazzjoni u tkabbir fl-Għarfien tad-Drittijiet tat-Tfal

Ir-relazzjonijiet pubbliċi huma importanti ħafna għall-istituzzjoni żagħżugħa bħalma hi l-Kummissarju għat-Tfal. Hija ta' importanza kbira għal tfal, żgħażagħ u oħrajn li jsiru jafu x'inhi l-funzjoni tal-Kummissarju għat-Tfal.

Il-Kummissarju sikwit tieħu sehem f'seminars u konferenzi, u tagħti taħdidiet jew tgħin waqt diskussjonijiet mat-tfal, żgħażagħ u adulti, kemm fi skejjel kif ukoll f'għaqdiet tal-lokal.

Il-Kummissarju dehret b'mod regolari fuq il-medja (Televiżjoni, Radju, Ġurnali u Gazzetti tat-Tfal) f'din l-aħħar sena. L-Uffiċċju ħareġ numru ta' stqarrijiet għall-istampa u organizza Konferenzi Stampa. Il-Medja kienet mistiedna għal attivitajiet importanti organizzati mill-Uffiċċju.



*Il-Kummissarju tiddiskuti d-drittijiet tat-tfal ma' tfal waqt żjara fl-iskola tagħhom*

Minn Ottubru 2004 sa Lulju 2005 l-Uffiċċju kien mistieden jiddiskuti punti marbutin mad-drittijiet tat-tfal fi program ta' siegħa darba kull ħmistax fuq Radju RTK; u minn Frar 2005 sa April 2005 fuq Radju Malta II waqt programm ta' darba kull ħmistax li fih kienu jiġu diskussi drittijiet partikolari ta' tfal.

L-Uffiċċju jikkoordina wkoll preżenza regolari fil-medja stampata. Meta żżur l-iskejjel u għaqdiet taż-żgħażagħ, il-Kummissarju tieħu kull opportunità li tippreżenta ruħha biex titkellem dwar il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u tfiehem x'inhi l-funzjoni tal-Kummissarju għat-Tfal.

Il-websajt www.tfal.org.mt se tkun imnedija uffiċjalment matul is-sena 2006, diġà fiha d-dokumenti uffiċjali kollha, rapporti, stqarrijiet għall-istampa u artikli maħruġa mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal.

### 1.3 Skejjel u *Issues* Edukattivi

Bejn Jannar 2005 u Diċembru 2005 il-Kummissarju żaret ħafna skejjel. Iż-żjajjar skolastiċi tipikament jinkludu laqgħat mal-istaff amministrattiv, *guidance teachers*, għalliema tal-klassi u tas-suġġett u membri oħra tal-istaff; laqgħat ma' l-istudenti fil-klassijiet tagħhom kif ukoll f'ambjenti informali; u, laqgħat mal-Kunsilli Skolastiċi ta' l-Istudenti.

### 1.4 Parteċipazzjoni tat-Tfal u ż-Żgħażagħ fix-xogħol tal-Kummissarju

#### *1.4.1. Membri tal-Kunsill taż-Żgħażagħ*

Erba' persuni żgħażagħ kienu kooptjati bħala membri tal-Kunsill għat-Tfal għal perijodu minn Settembru 2005 sa Awissu 2006. L-erba' rappreżentanti żgħażagħ, Malone Debono ta' sittax-il sena, Charlot Borg ta' sittax-il sena,

***Żjajjar lill-Iskejjel***

| | Statali | Tal-Knisja | Indipendenti | **Total** |
|---|---|---|---|---|
| Skejjel Primarji | 11 | - | - | **11** |
| Skejjel Sekondarji | 8 | 11 | 2 | **21** |
| Skejjel Post-Sekondarji | 1 | - | - | **1** |
| Skejjel Speċjali | 3 | - | - | **3** |
| Nursery | - | - | 1 | **1** |
| Skejjel tas-Sajf | 3 | 1 | 1 | **5** |
| Skejjel tal-Arti | - | - | 1 | **1** |

Lara Camilleri ta' tlettax-il sena u Shanna Spiteri ta' tlettax-il sena, kienu eletti minn sħabhom tamparhom waqt il-Kors ta' Taħriġ dwar id-Drittijiet tat-Tfal, "Drittijiet, Rispett u Responsabilitajiet" organizzat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju.

Huma se jkomplu fejn ħallew Mark Anthony Sammut, Annabelle Muscat u Maria Seguna li temmew il-karigi tagħhom.

Il-funzjoni tagħhom hija li jagħtu parir lill-Kummissarju ghat-Tfal bħala membri tal-Kunsill skond kif jitlob l-Artiklu 13 tal-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal. Il-preżenza tagħhom fil-Kunsill tiżgura li leħen it-tfal u ż-żgħażagħ ikun mismugħ.

Il-parteċipazzjoni tat-tfal għandha tkun parti mill-arja li wieħed jieħu n-nifs minnha fl-Uffiċċju, u dan jidher fl-inizjattivi kollha li jittieħdu.

Il-Logo ta' l-Uffiċċju ħareġ mir-riżultat ta' kompetizzjoni li saret fl-2004 u li kienet tassew suċċess għax fiha ħadu sehem 'il fuq minn 600 tifel u tifla. Il-logo huwa hekk sabiħ u espressiv li huwa ammirat ferm mill-Ombudsmen għat-Tfal Ewropej. L-attività ewlenija ta' din is-sena kienet il-Kors ta' Taħriġ dwar id-Drittijiet tat-Tfal għaż-żgħażagħ kif ġie deskritt band'oħra f'dan ir-rapport.

Dan wassal biex aktar żgħażagħ ikunu kooptjati fil-Kunsill għat-Tfal u ta bidu għal serje ta' laqgħat ta' konsultazzjoni bejn il-Kummissarju u ż-żgħażagħ li fihom l-ewwel suġġett għad-diskussjoni fil-fatt kien il-Parteċipazzjoni tat-Tfal.

Fil-laqgħat tal-Kunsill, il-membri żgħażagħ jipparteċipaw regolarment u kienu strumentali fit-tfassil tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissarju għall-2006.

Bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni, iż-żgħażagħ talbu lill-Kummissarju biex tadotta t-titlu, għalkemm mhux uffiċjalment, ta' Kummissarju għat-Tfal u ż-Żgħażagħ, billi huma ma jħossux li jistgħu jidentifikaw ruħhom mat-titlu uffiċjali.

L-erba żgħażagħ eletti fil-kunsill, f'numru ta' okkażjonijiet, akkumpanjaw lis-Sinjura Camilleri waqt żjajjar b'rabta max-xogħol tagħha. Xi eżempji huma:

- Parteċipazzjoni fil-programmi televiżivi *Chatroom* u *Xarabank*.
- Żjara fil-fabbrika tal-Playmobil u l-parteċipazzjoni attiva fil-ftuħ tal-FunPark
- Għoti ta' taħdita fis-seminar dwar 'Programmi ta' Tfal ta' Kwalità'
- Stedina għall-programm tal-Jum Dinji tat-Tfal flimkien mar-Reġina, u għall-ftuħ uffiċjali tal-CHOGM.

### *1.4.2. Konsultazzjoni mat-Tfal u ż-Żgħażagħ dwar il-Parteċipazzjoni*

Il-Kummissarju għat-Tfal organizzat laqgħa ta' konsultazzjoni mat-tfal u ż-żgħażagħ bit-tema 'Parteċipazzjoni', bi tħejjija għar-Rapport Annwali tas-sena 2005. Il-jum magħżul għal din il-konsultazzjoni kien l-10 ta' Diċembru, Jum id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Dan il-jum intgħażel biex iwassal il-messaġġ li d-drittijiet tat-tfal huma drittijiet tal-bniedem li jmissu lil kull tifel u tifla fid-dinja. Il-parteċipazzjoni hija wkoll l-element li jispikka fil-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal tal-Ġnus Magħquda – li hija xiehda wkoll ta' l-iżvilupp tad-drittijiet tal-bniedem.

Madwar 100 tifel u tifla u żgħażagħ bejn l-etajiet ta' 13 u 17-il sena, li diġà kellhom taħriġ fid-drittijiet tat-tfal, kienu mistednin għal dil-

Laqgħa ta' Konsultazzjoni. Il-Konsultazzjoni ngħatat bidu bil-preżentazzjoni dwar il-Parteċipazzjoni mill-Kummissarju għat-Tfal u wara segwiet diskussjoni miż-żgħażagħ dwar it-tifsira partikolari tal-parteċipazzjoni f'ħajjithom.

Il-parteċipanti żgħażagħ imlew ukoll kwestjonarju dwar il-parteċipazzjoni f'aspetti varji ta' ħajjithom. Dan il-kwestjonarju kien imħejji minn żgħażagħ (rappreżentanti taż-żgħażagħ fil-Kunsill għat-Tfal u rappreżentanti eletti fil-Kummissjoni Elettorali ad hoc għas-sena 2005). Il-proċess ta' tħejjija kollu kien megħjun mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal. Il-Konsultazzjoni kellha wkoll l-appoġġ minn youth workers mill-NGO Youth Scope.



*Charlot Borg, Lara Camilleri, Shanna Spiteri u Malone Debono, il-membri żgħażagħ fuq il-Kunsill għat-Tfal li ġew magħżula minn żgħażagħ oħra*

## 1.5. Internazzjonali

### *1.5.1. L'Europe de l'Enfance,'Family Mediation', Lussemburgu, 12 – 13 t'April 2005*

Din il-laqgħa ddiskutiet l-isfidi li qegħdin ikollhom jiġu ffaċċjati llum il-ġurnata minħabba żewġ fenomeni differenti: iż-żjieda ta' koppji bi-nazzjonali u ż-żjieda fis-separazjonijiet u d-divorzji. Tfal ta' koppji bi-nazzjonali kultant ikunu mifrudin kompletament meta l-ġenituri tagħhom ikunu f'żewġ pajjiżi differenti.

Il-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropea ffokat l-attenzjoni tagħha fuq ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa ta' l-20 ta' Settembru 2001 li tara li f'każijiet ta' separazzjoni, jkun hemm il-kooperazzjoni bejn l-Istati sabiex jiġu promossi u mtejbin ir-relazjonijiet personali bejn it-tfal, il-ġenituri tagħhom u l-persuni l-oħra kollha li b'xi mod ikunu jiġu mit-tfal. Din ir-Riżoluzzjoni tipproponi li min-naħa ta' l-awtoritajiet legali jkun sar kull sforz biex issir medjazzjoni fil-familja.

Is-Sinjura Sonia Camilleri, il-Kummissarju għat-Tfal, attendiet din il-laqgħa.

### *1.5.2. Il-Laqgħa Annwali tan-Network Ewropew tal-Ombudspersons għat-Tfal (ENOC), Varsavja, Polonja, Settembru 2005*

L-ENOC (European Network of Ombudspersons Children) iltaqa' għad-9 darba u ta merħba bħala membru osservatur lill-Kummissarju għat-Tfal Ingliż li ngħata l-kariga dan l-aħħar. Il-Kummissarji għat-Tfal ta' Malta, ta' l-Irlanda u ta' l-Iskozja kienu qegħdin jattendu għat-tieni darba, filwaqt li fix-xhur li ġejjin mistenni li jiġi appuntat Kummissarju għat-Tfal tas-Serbja.

It-temi li ġew diskussi dis-sena kienu magħrufin sew mill-24 parteċipant. Dawn kienu: il-pressjoni kummerċjali u tal-medja fuq it-tfal, il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal mhux akkumpanjati u tfal separati, u d-dritt tat-tfal li jibqgħu fl-ambjent familjari tagħhom.

Is-Sinjura Sonia Camilleri, Kummissarju għat-Tfal, ipparteċipat f'din il-laqgħa.

Deskrizzjoni Ġenerali

# 2. Deskrizzjoni ġenerali tal-qagħda tat-tfal f'Malta u *survey* ta' l-iżviluppi li jkunu laqtuhom

**2A) Id-Dritt għall-Parteċipazzjoni**

L-ewwel Rapport Annwali ta ħarsa lejn il qagħda ġenerali tat-tfal f'Malta kif kienet ippreżentata lill-Kummissarju mit-tfal infushom u minn dawk li jaħdmu mat-tfal. L-akbar bidliet f'dawk li huma *policies* li jirrigwardaw lit-tfal qed jitniżżlu f'lista fit-tmiem ta' din it-taqsima. Din is-sena l-istrateġija hija li naqbdu ir-rapport minn angolu differenti, u li nħarsu lejn is-sitwazzjoni tat-tfal f'Malta fid-dawl t'artiklu partikolari fil-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Is-suċċess ta' din l-istrateġija għandu mnejn li jwassal għal fokus annwali fuq artikli differenti, u għal rapport dwar kemm imxiet 'il quddiem jew le l-implimentazzjoni tagħhom f'Malta.

Bi tħejjija għal dan ir-Rapport mill-Konvenzjoni ntgħażel Artiklu 12 li jiddikjara li:

1. Stati Partijiet għandhom jassiguraw lit-tfal li jkunu jafu jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom id-dritt li jesprimu dawk l-opinjonijiet b'mod ħieles f'kull ħaġa li tolqot lit-tfal, u illi l-opinjonijiet tat-tfal jingħataw il-piż mistħoqq skond l-età u l-maturità tat-tfal.
2. Għal dan il-għan, it-tfal għandhom jingħataw l-opportunità li jinstemgħu l-aktar fi proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi li jolqtu lit-tfal jew direttament jew permezz ta' rappreżentant jew korp apposta, bil-mod li jkun jaqbel mar-regoli tal-proċedura tal-liġi tal-pajjiż.

Kull min hu involut ġie mgħarraf billi ntbagħtu 630 ittra lil Ministeri, Kunsilli Lokali, Skejjel, Parroċċi, Għaqdiet taż-Żgħażagħ Mhux Governattivi (NGOs), il-Medja, Imħallfin u aġenziji għas-servizzi tat-tfal.

L-ewwel riżultat kien li saret kampanja ta' għarfien dwar artiklu 12 u, għal xi entitajiet, dwar il-Konvenzjoni nnifisha. Hawnhekk il-parteċipazzjoni hija deskritta b'mod qawwi u hija skoraġġuta l-parteċipazzjoni ta' l-isem biss. Madankollu, uħud mit-tweġibiet urew sorpriża u sodisfazzjon li jeżisti dan id-Dritt tat-Tfal u ġiet reġistrata l-intenzjoni ta' dawk li wieġbu li lesti jagħmlu ħilithom kollha biex jimplimentawha.

It-tieni riżultat li ħareġ minn dan l-eżerċizzju kien li ngħatat l-opportunità li tiġi enfasizzata d-differenza bejn 'parteċipazzjoni' u

'Parteċipazzjoni'. Tfal li jkunu mistednin jieħdu sehem f'xi attività, bħal xi kompetizzjoni tal-għawm, ikunu qed jipparteċipaw f'tellieqa, iżda għandu mnejn li ma jkunux Ipparteċipaw fl-ippjanar u l-organizzazzjoni tat-tellieqa sabiex tkun attività mfassla skond il-ħtiġiet u l-ideat tat-tfal.

Il-Parteċipazzjoni timplika li:

- It-tfal/żgħażagħ jiddiskutu kwestjonijiet li jinvolvuhom
- Il-veduti tat-tfal/żgħażagħ għandhom ikunu meqjusin mill-adulti
- It-tfal/żgħażagħ ikollhom sehem meta jittieħdu d-deċiżjonijiet (flimkien ma' l-adulti)
- It-tfal/żgħażagħ jaqsmu l-poter u r-responsabbiltà fit-teħid tad-deċiżjonijiet mill-adulti.

## 2.1 Il-Parteċipazzjoni tat-Tfal f'Livell Ministerjali

***L-Uffiċċju tal-Prim Ministru***

F'sensiela ta''djalogi pubbliċi li l-Prim Ministru qiegħed jagħmel ma' taqsimiet diversi tas-soċjetà, 120 tifel u tifla ta' etajiet differenti, eletti minn sħabhom ta' l-iskejjel tas-sajf, kienu mistednin jiltaqgħu mal-Prim Ministru fil-Berġa



*Tfal jilgħabu flimkien wara li ġew indirizzati mill-Kummissarju*



*Manuel Fenech, u l-Kummissarju flimkien mal-Kap ta' l-Iskola u numru ta' studenti ta' l-iskola ta' Furto Selvatico, in-Naxxar*

ta' Kastilja fil-5 ta' Settembru 2005.

L-għan ta' l-attività kien li jagħti l-opportunità lil tfal f'Malta li jsemmgħu l-opinjonijiet tagħhom direttament lill-Prim Ministru u lill-Uffiċċju tiegħu, kif ukoll biex wieħed jirrikonoxxi li t-tfal għandhom dritt li jipparteċipaw f'dan it-tħabrik għal 'Djalogi'. Punti, mistoqsijiet u proposti li għamlu t-tfal dwar l-ambjent, il-vandaliżmu, l-edukazzjoni, is-separazzjoni ta' l-iskart u affarijiet oħra kienu rrekordjati fuq CD. Wieħed jittama li l-pass li jmiss ikun illi l-veduti tagħhom jingħataw il-piż li jistħoqqilhom meta tkun qed titfassal xi *policy*.

Nicole Galea, tifla ta' disa' snin mill-Fontana, Għawdex, iddeskriviet dan l-avveniment f'artiklu li deher fil-*Junior News* tat-*Times of Malta* (23.11.05).

***Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg***

Fil-*policies* kollha li qegħdin jiġu ppubblikati mill-Ministeru, it-tfal huma wieħed mill-gruppi involuti li ġew ikkonsultati biex jagħtu l-veduti u l-opinjonijiet tagħhom.

Numru ta' programmi, inizjattivi u proġetti qegħdin jitħaddmu fl-iskejjel fejn il-parteċipazzjoni tat-tfal hija l-fus tal-proċess.

### *Taqsima Żgħażagħ*

It-Taqsima Żgħażagħ tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fi kwistjonijiet ta' ekonomija, żvilupp soċjali u kulturali, djar, saħħa u divertiment.

Sabiex tinkoraġġixxi u tkabbar il-parteċipazzjoni taż-żgħżagħ, it-taqsima tappoġġja NGOs permezz ta' numru ta' inizjattivi bħall-Youth Support Programme li fih tgħin finanzjarjament għaqdiet taż-żgħażagħ li jidħlu għal proġetti li jaqblu man-National Youth Policy.

It-Taqsima Żgħażagħ waqqfet ukoll numru ta' ċentri li jgħinu liż-żgħażagħ ikabbru l-kapaċitajiet tagħhom. Dawn iċ-ċentri jinsabu mifruxin f'postijiet strateġiċi fi gżiritna sabiex jagħtu servizz liż-żgħażagħ fil-lokalità li tkun.

Il-premjijiet 'Għarfien Nazzjonali Żgħażagħ fis-Soċjetà' jingħataw kull sena bħala għarfien uffiċjali għal ħidma volontarja li jagħmlu ż-żgħażagħ fis-soċjetà b'riżq dawk li jeħtieġu ħarsien u appoġġ permezz ta' xogħol li jagħmlu lokalment jew barra minn pajjiżna.

### *Il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjeta Socjali*

Bħala parti mill-proġett ta' riċerka internazzjonali 'Quality4Children', l-MFSS mexxa numru ta' sessjonijiet ta' xogħol fi gruppi ma' tfal fi djar residenzjsali u *foster care*.

Il-Ministru tħossha kburija li hija aċċessibbli ħafna, u laqgħet tfal u żgħażagħ personalment fl-uffiċċju tagħha. Eżempju ta' dan kien il-grupp ta' tfal żgħar ħafna mill-Moviment tal-Focolare li kienet ltaqgħet magħhom waqt il-Festa Familja f'April, u li kienu talbu biex iżuruha fl-uffiċċju tagħha sabiex ikunu jistgħu jagħtuha 'Cube of Love' li kienet logħba li kienu qegħdin jippromwovu. Kien sar ftehim għal laqgħa wara l-ħin ta' l-iskola u t-tfal ingħataw l-ispazju



*Parteċipant tal-Kors tad-Drittijiet tat-Tfal jipprepara l-mistoqisjiet għall-intervisti li l-parteċipanti stess għamlu biex jaraw x'inhi l-perċezzjoni tan-nies fuq id-drittijiet tat-tfal*

li kellhom bżonn biex jispjegaw kif tintlagħab il-logħba, jagħmlu mistoqsijiet lill-Ministru u jiġbdu xi ritratti.

### *Aġenzija APPOĠĠ*

*L-Aġenzija APPOĠĠ* ilha għal ħafna snin taħdem favur id-Drittijiet tat-Tfal, fosthom id-dritt għal parteċipazzjoni.

Dis-sena saru żewġ seminars ta' taħriġ interessanti b'rabta ma' dan id-dritt. Is-seminars kienu dwar: 'L-għoti ta' leħen lit-tfal' u 'L-involviment ta' min juża servizz'. Fiż-żewġ każi, esperti f'dawn l-oqsma ġew mistednin minn barra u dawn reġgħu tennew il-konvinzjoni fost il-professjonisti illi t-tfal għandhom dritt isemmgħu leħinhom u jgħidu kif jaħsbuha dwar dak kollu li jolqot lilhom, u l-

opinjonijiet tagħhom għandhom jittieħdu bis-serjetà.

Biex tgħaddi mit-teorija għall-prattika, l-Aġenzija APPOĠĠ tagħżel li f'ħidmitha tara li t-tfal involuti f'Servizzi Ġenerali, kwistjonijet ta' ħarsien ta' tfal u fi proċessi fil-qorti, kif ukoll dawk it-tfal li jgħixu fi djar residenzjali, f'familji li jiffosterjaw jew fi djar ta' kenn minn vjolenza domestika, kollha għandhom l-opportunità li jgħidu l-istorja tagħhom, jipparteċipaw meta l-każ tagħhom ikun qiegħed jiġi studjat u jkunu parti mit-tim li jkun qiegħed ifassal il-pjan ta' ħarsien tagħhom.

*L-Aġenzija APPOĠĠ* ħadet sehem ukoll fil-proġett tal-Ġnus Magħquda, mifrux fuq sentejn, dwar 'Vjolenza kontra t-Tfal' billi għamlitha possibbli li żewġ żgħażagħ minn Malta jipparteċipaw f'*workshop* interattiv ta' jumejn li sar fi Strasbourg f'Novembru, intitolat 'L-ilħna taż-żgħażagħ dwar il-faqar, is-swat u l-vjolenza'.

Xi teżijiet reċenti, miktubin minn studenti ta' l-Università ta' Malta dwar il-Parteċipazzjoni tat-Tfal qed jirriżultaw li huma ta' interess kbir. Teżi riċenti li ffokat fuq iż-żjajjar ta' aċċess b'superviżjoni ta' l-Aġenzija APPOĠĠ hija '*The Power to Participate: Childen's perspectives on supervised access visits as service-users, individuals and young persons*' ta' Anthea Agius.

Is-servizz il-ġdid li jieħu ħsieb il-minorenni akkumpanjati u mhumiex li jkunu fost dawk li jfittxu kenn f'pajjiżna qed jipprova jgħin lit-tfal u ż-żgħażagħ jipparteċipaw fil-proċess li jwassal għall-ħelsien u l-integrazzjoni tagħhom billi l-ewwel jara x'inhuma l-bżonnijiet loġistiċi tagħhom, u mbagħad jinkoraġġixxihom ikomplu jistudjaw u jsibu impjieg temporanju jekk ikollhom 'il fuq minn 16-il sena u jkollhom il-permessi meħtieġa. Kull minorenni li mhux akkumpanjat jitpoġġa taħt il-ħarsien ta' kuratur bħalma huwa mitlub mill-Kummissarju Għoli tad-Drittijiet tal-Bniedem.

### *Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent*

Ħafna xogħol siewi dwar il-parteċipazzjoni ta' l-istudenti twettaq mill-Ministeru b'kooperazzjoni ma' 'Nature Trust' bl-adozzjoni tal-programm EkoSkola, disponibbli f'livelli internazzjonali, li jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni sħiħa tat-tfal fl-ippjanar u t-twettiq ta' attivitajiet b'rabta ma' l-ambjent. 26 skola ħadu sehem f'dan il-programm mis-sena 2002 'l hawn. Skond kif jitlob il-KMN (Kurrikulu Minimu Nazzjonali), li jitkellem favur edukazzjoni li żżomm fiċ-ċentru tagħha lill-istudenti, u jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni attiva ta' min għadu qed jitgħallem u l-iżvilupp ta' ħsieb kritiku u ħiliet parteċipattivi, il-programm ta' l-EkoSkola qed jipprovdi forum għal parteċipazzjoni attiva ta' l-istudenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet. L-'*Eco Wardens*' magħżulin f'kull skola huma mogħtijin il-poter li jagħmlu tagħhom il-kampanja għal ambjent iżjed nadif u li jħeġġu lil sħabhom ta' l-iskola jagħmlu bħalhom.

Avveniment ta' min isemmih matul dis-sena kien il-preżentazzjoni fil-Parlament ta' mozzjoni li nqrat minn żewġ studenti li kienet titlob lill-Membri Parlamentari jirrikonoxxu x-xogħol ta' fejda li kien qiegħed isir minn EkoSkola biex itejjeb l-iskejjel u l-komunitajiet lokali, u biex titlobhom li jwiegħdu l-appoġġ tagħhom b'kull mod possibbli. Il-mozzjoni kienet iffirmata mill-Prim Ministru, il-Kap ta' l-Oppożizzjoni u erba' Ministri u *Shadow Ministers* oħra. F'dan l-avveniment ħadu sehem studenti minn 12-il skola.

Fl-artiklu li kiteb dwar din l-inizjattiva, Dr Paul Pace, Koordinatur Nazzjonali ta' EkoSkola, ikkwota wieħed mill-Membri Parlamentari li

qal: ''Din hi waħda mill-ftit seduti parlamentari li fiha ħassejt tassew ir-responsabbiltà tiegħi bħala rappreżentant tal-poplu".

Il-WasteServ, b'kollaborazzjoni mal-Ministeru, qiegħda timmira l-kampanja tagħha biex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jiskopru l-influwenza li għandhom bħala individwi fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja permezz ta' deċiżjonijiet favur l-ambjent minn jum għal jum.

Waħda mill-ħafna attivitajiet mmexxijjin flimkien ma' l-istudenti hija dik ta' Xummiemu Club li organizzat ukoll dimostrazzjoni favur l-ambjent fil-Belt Valletta fejn inġarrew kartelluni disinjati mit-tfal u li kien fihom messaġġi edukattivi.

'Il fuq minn 100 skola preżentement qegħdin jieħdu sehem f'inizjattivi dwar l-immaniġġar ta' l-iskart bħala parti mill-kurrikulu tagħhom.

### *Il-Ministeru tat-Turiżmu u l-Kultura*

Dan il-Ministeru, fil-ħidma tiegħu mill-qrib ma' 'Heritage Malta' miexi minn tagħrif fuq wirt nazzjonali għal interazzjoni fuq is-suġġett.

Xi proġetti li għaddejjin bħalissa u li għandhom l-għan li jgħinu liż-żgħażagħ jifhmu tassew kif huma jagħmlu parti mill-wirt ta' Malta, huma:

- il-ħolqien ta' materjal interattiv għal żjajjar f'postijiet storiċi bħalma hu l-Palazz ta' l-Inkwiżitur.
- parteċipazzjoni minn studenti fil-jiem tal-Wirt Ewropew bil-kitba ta' esejs, tpinġija, bħalma hu l-proġett ġejjieni tal-UNESCO dwar 'The Temple Builders'
- sessjonijiet parteċipattivi għal tfal ta' l-iskola primarja fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija.
- attivitajiet fil-beraħ organizzati mit-taqsima ta' l-Istorja Naturali tal-Ministeru.
- il-bini ta' *lecture/activity room* f'Għar Dalam, fejn il-viżitaturi żgħażagħ jiġu mħajrin jieħdu sehem f'sessjonijiet ta' *brain-storming* fuq l-istorja.
- organizzazzjoni ta' *workshops* kreattivi, bħalma huma s-sessjonijiet ta' ħdim ta' mudelli ta' tempji u ta' statwetti megalitiċi.

## 2.2. Il-Parteċipazzjoni tat-Tfal fl-Iskejjel

Post fejn il-kunċett u l-prattika ta' parteċipazzjoni qegħdin kulma morru jinfirxu huwa l-ambjent skolastiku.

Mir-riżultati li rċevejna din is-sena minn 45 skola jidher li l-istaff u l-istudenti qegħdin jieħdu l-EDC (Education for Democratic Citezenship) u l-HRE (Human Rights Education) bis-serjetà, qegħdin jiskopru li "l-iskola hija ħafna aktar għanja issa li t-tfal qegħdin jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom u li jieħdu l-inizjattivi"[1], u li "Hekk kif l-esperjenza ta' demokrazija fl-iskola qiegħda ssir realtà, qegħdin nintebħu li t-tfal għandhom ħafna x'joffru."[2]

Strateġija li tagħti l-ħelsien u l-kapaċità qiegħda bil-mod tibdel it-tmexxija awtokratika ta' l-iskejjel f'waħda fejn l-istudenti jkunu jistgħu jgħidu bil-ferħ: "Kelli sehem attiv x'nagħti fl-edukazzjoni tiegħi"[3]. Dan, bla dubju ta' xejn, huwa l-ispirtu tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, bħalma wieħed jista' jara f'Objettiv 2, (Paġna 48).

---

1 Kap ta' l-Iskola, St Monica, Gżira
2 Kap ta' l-Iskola Primarja, Marsaskala
3 Link Teacher, St. Theresa Girls' Junior Lyceum



*Parteċipanti tal-Kors fuq id-Drittijiet tat-Tfal waqt workshop*

Imbuttatura kbira biex isseħħ il-parteċipazzjoni ta' l-istudenti bla dubju ta' xejn ġiet mill-programm ta' l-EDC tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni li ra t-twaqqif ta' 25 Kunsill ta' l-Istudenti Tfal (Pupil Councils) fl-iskejjel primarji, 25 Kunsill ta' l-Istudenti fl-iskejjel sekondarji, 1 fi skola speċjali, u kunsilli rappreżentattivi fil-programmi kollha ta' 'Skola Sajf'.

Issa jeħtieġ li l-iskejjel li jonqos, li jlaħħqu madwar 200, jibdew il-proċess biex iwaqqfu il-kunsilli ta' l-istudenti tagħhom.

Id-Diviżjoni, permezz tat-Taqsima tad-Demokrazija fl-Iskejjel qiegħda ssegwi mill-qrib u t-taħriġ ta' l-istudenti fil-parteċipazzjoni u dawn iż-żgħażagħ ma jdumux ma jwaqqfu l-Kunsill Nazzjonali ta' l-Istudenti u jkollhom il-websajt tagħhom.

Programmi ta' żvilupp ta' l-iskejjel sikwit jagħtu l-importanza lill-EDC u tajjeb li wieħed jinnota li l-parteċipazzjoni qiegħda tittieħed bis-serjetà fil-livell tal-kindergarten u fl-iskejjel speċjali tagħna. Xi skejjel qegħdin jinkludu wkoll riferenza għal-livell ta' parteċipazzjoni ta' l-istudenti fiċ-Ċertifikat tat-Tluq mill-Iskola (School Leaving Certificate).

Il-Kunsilli ta' l-Istudenti mhumiex l-uniku mezz biex tiġi mdaħħla l-parteċipazzjoni fl-iskejjel. Magażin ta' l-iskola mmexxi mill-istudenti huwa mod ieħor effettiv kif l-istudenti jingħataw leħen sakemm il-Bord Editorjali ma jkunx iddominat mill-adulti. Il-bniet adolexxenti fl-iskola 'Our Lady Immaculate' fil-Ħamrun jagħmlu dan ovvju ħafna fil-pubblikazzjoni tagħhom '*The Voice*' li b'mod ċar ġibdet lejha l-lingwaġġ kurrenti u l-interessi ta' studenti adolexxenti. Mill-banda l-oħra, it-tfal ta' l-Iskola Primarja A tal-Mosta, għażlu t-titlu *'Mosta Kids Power'* għall-magażin tagħhom li hu mimli b'kitbiet tagħhom. Dan l-aħħar, żewġ ġabriet oħra ta' kitbiethom ġew ippubblikati f'forma ta' ktieb.

Il-'Morning Assemblies', organizzati mill-istudenti, qegħdin joffru pjattaforma għal affarijiet ta' interess għat-tfal u ż-żgħażagħ, filwaqt li kaxxi fejn wieħed jitfa' xi suġġeriment, imqegħdin f'postijiet strateġiċi, qegħdin jipprovdu informazzjoni tajba f'xi skejjel.

Li jkollok il-proġetti tiegħek, kbar jew żgħar, jiswa ħafna għat-tkabbir tal-kapaċità, u hu għalhekk li proġetti bħal Scoops, EkoSkola, programmi ta' School Twinning u proġetti Erasmus jiswew ħafna għall-ħolqien ta' parteċipazzjoni attiva. Konsultazzjoni ġenwina dwar il-ħarġiet skolastiċi u attivitajiet oħra jagħtu sodisfazzjon lil kulħadd.

Ċerti proġetti li tnedew jagħtu wkoll ħafna skop għal parteċipazzjoni tassew għall-istudenti. Tnejn minn ħafna eżempji huma l-Ġimgħa ta' Edukazzjoni Globali (Global Education Week), parti mill-Kurrikulu ta' l-Istudji Soċjali, li fih studenti minn 6 skejjel għamlu stħarriġ, li ħolqu huma stess, dwar l-inċidenza tal-faqar f'Malta u barra, u l-kampanja 'Writing for Social Action' organizzata mil-Liċeo tal-Bniet Maria Regina, li matulha l-istudenti bniet kitbu lil kunsilli lokali, gazzetti u anke mexxejja internazzjonali u organizzazzjonijiet fuq suġġetti bħalma huma l-moħqrija ta' l-annimali, l-inklużjoni, l-ambjent u r-razziżmu.

Fil-livell primarju, it-tfal huma inkoraġġuti jippjanaw it-taqsim tal-klassi tagħhom u t-tfassil ta' sett ta' regolamenti għall-klassi tagħhom, kif ukoll li jagħżlu huma stess it-titli waqt il-ħin għall-kitba kreattiva tagħhom. Skola minnhom saħansitra organizzat grupp ta' ħidma li jieħu ħsieb l-attivitajiet. Dawn isejħulhom: Green Club, Choir, Sports Team, School Magazine Board, Display Board Group u Mid-Day Break Activities Team.

Uħud mis-suġġerimenti ta' l-istudenti li twettqu b'suċċess mill-iskejjel huma:

- Gruppi t'appoġġ għal vittmi ta' bbuljar
- Ikel aktar bnin fit-*tuck shops*
- Bdil fl-uniformi ta' l-iskola
- Orarji ta' l-eżamijiet li jkunu ta' għajnuna għall-istudenti
- Talbiet għal aktar tagħrif fuq *issues* li jirrigwardaw is-saħħa
- *Lockers*
- Introduzzjoni ta' suġġetti skolastiċi u attivitajiet speċifiċi
- Festini tat-tluq mill-iskola

Dan t'hawn fuq jista' jagħti l-impressjoni li l-istudenti qegħdin jingħataw widen u li s-suġġerimenti tagħhom qegħdin dejjem jiġu meqjusa. Fil-fatt dan mhux dejjem il-każ.



*Tfal waqt żjara tal-Kummissarju l-iskola tagħhom*

It-*tokenism* (jiġifieri meta persuna tingħata l-impressjoni u l-opportunità li tipparteċipa meta dan ma jkunx minnu) u l-manipulazzjoni jibqgħu iż-żewġ ħofriet li taqa' fihom il-parteċipazzjoni anke meta d-demokrazija fl-iskejjel tkun rikonoxxuta uffiċjalment mill-amministrazzjoni.

It-*tokenism* tidher ċara meta l-istrutturi kollha għal parteċipazzjoni jkunu f'posthom iżda l-istudenti jibqgħu iħossu sens ta' frustrazzjoni li fil-verità xejn ma jkun tbiddel fil-mod kif



*Il-Professur Roger Ellul-Micallef, Rettur ta' l-Università, il-Professur John Rizzo Naudi, Kanċillier ta' l-Università ta' Malta, il-Kummissarju, René Cilia, President tal-Moviment Kattoliku Studenti Universitarji u Fr Jimmy Bartolo sj, Kappillan ta' l-Università waqt attività biex jiġi mfakkar il-Jum Dinja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – waqt din l-attività kien hemm ukoll attivitajiet oħra għat-tfal*



*Youth worker u parteċipanti tal-Konsultazzjoni maż-żgħażagħ fuq il-Parteċipazzjoni organizzat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju ghat-Tfal*

jitmexxew l-affarijiet, għaliex ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom ma jiġux aċċettati. Eżempju ta' dan jidher fil-mod kif studenti fil-livell primarju u sekondarju jibqgħu jitolbu li jkollhom suġġetti aktar raġonevoli u bis-sens, iżda jibqgħu jiġu mġiegħla jieħdu suġġetti li ma jkunux dawk li jridu jew li jeħtieġu.

L-Eżami għad-Dħul fil-Junior Lyceum u l-eżamijiet tas-SEC u l-MATSEC għadhom suġġett ta' nuqqas ta' qbil. Madankollu, laqgħat konsultattivi ta' min ifaħħarhom li xxandru dirett fuq Channel 22 qegħdin iservu biex jiġu eliminati l-akbar frustrazzjonijiet.

Il-manipulazzjoni tista' tkun diskreta. Fi studji dwar il-parteċipazzjoni, il-manipulazzjoni tingħaraf bħala l-ewwel skaluna tas-sellum li jwassal għal parteċipazzjoni vera. Xi studenti ta' l-iskola sekondarja rrapportaw li mhumiex sodisfatti bil-mod li qegħdin jintalbu jipparteċipaw fl-iskejjel tagħhom. Wara li ġibed l-attenzjoni tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni għal dan il-fatt, dan l-Uffiċċju huwa sodisfatt li din il-kwistjoni qed tingħata attenzjoni.

## 2.3. Il-Parteċipazzjoni tat-Tfal fil-Livell ta' Kunsilli Lokali

68 Kunsill Lokali rċevew il-kwestjonarju tagħna dwar il-livell ta' Parteċipazzjoni ta' tfal u żgħażagħ fil-Kunsill tagħhom. L-Uffiċċju rċieva 32 tweġiba, 23 minn Malta u 9 minn Għawdex.

27 mit-32 Kunsill wieġbu li għandhom kunsillieri li huma speċifikament inkarigati jieħdu ħsieb il-bżonnijiet tat-tfal u ż-żgħażagħ.

Aktar importanti kien il-fatt li skoprejna li 6 kunsilli lokali kienu qegħdin jieħdu l-parteċipazzjoni tat-tfal bl-akbar serjetà. In-Nadur, iż-Żejtun, Tal-Pietà u l-Imqabba għandhom Kunsill Lokali tat-Tfal, waqt li s-



*Parteċipanti tal-Konsultazzjoni maż-żgħażagħ fuq il-Parteċipazzjoni jikkummentaw waqt waħda mis-sessjoni fil-plenarja.*

Swieqi, iż-Żejtun u n-Naxxar għandhom Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

Fis-sena 2004, b'inizjattiva tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żagħażgħ (KNŻ), proġett pilota ta' tliet xhur kien inkoraġġut fi 11-il belt u raħal fejn kienu mwaqqfin Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ. B'xorti ħażina mhux kollha komplew bl-esperiment meta għaddew it-tliet xhur, madankollu dawk li komplew qegħdin jinvolvu żgħażagħ u jisimgħu s-suġġerimenti tagħhom dwar kulma għandu x'jaqsam ma' l-inħawi.

Huwa proċess li jimxi bil-mod, iżda qed iwassal biex tinbidel l-idea illi d-dinja hija ta' l-adulti u li t-tfal qegħdin hemm biex wieħed jieħu ħsiebhom. Sa fl-aħħar qegħdin juru li kapaċi jkunu l-imħuħ wara inizjattivi siewja ħafna. Is-Sindku ta' San Lawrenz f'Għawdex għarrafna li għadhom kif inawguraw *playing field* bis-saħħa ta' appelli insistenti mit-tfal biex ikollhom waħda, u l-Kunsill Lokali tas-Swieqi għażel li jintrabat li kull sena jimplimenta żewġ proposti li jkunu ġejjin mill-Kunsill taż-Żgħażagħ.

Pass kbir ieħor fid-direzzjoni t-tajba kien it-twaqqif ta' Youth Empowerment Centres f'diversi reġuni, bis-saħħa tat-Taqsima Żgħażagħ tal-

Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Is-suċċess li kisbu fit-taħriġ ta' żgħażagħ tar-reġuni biex jagħrfu l-potenzjal tagħhom u jagħtu s-sehem tagħhom biex jinbdew diversi inizjattivi maħsubin minnhom stess, wassal biex ħafna iżjed Kunsilli Lokali jitolbu li jiġu mwaqqfin Youth Empowerment Centres fl-ibliet u l-irħula tagħhom.

L-informazjoni li waslitilna mill-Kunsilli Lokali kienet inkoraġġanti għall-fatt li għalkemm ħafna stqarrew li l-livell ta' parteċipazzjoni tat-tfal kien baxx ħafna, kważi kollha kitbu li jittamaw li jibdew jaħdmu biex fil-ġejjieni qarib iwaqfu Kunsill Lokali tat-Tfal jew Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

## 2.4. Il-Parteċipazzjoni tat-Tfal fil-Parroċċi

Il-parroċċi diġà għandhom l-istrateġija dwar il-parteċipazzjoni maħsuba għalihom u mniżżla bil-kitba fid-dokument 'Ħidma Pastorali mat-Tfal' tas-Sinodu ta' Għawdex ta' 1993, u fid-dokument 'Żgħażagħ u Adolexxenti' li kien inkiteb fi tmiem is-Sinodu ta' Malta fis-sena 2003. Iż-żewġ dokumenti jirreferu espliċitament għall-ħtieġa li tfal u ż-żgħażagħ ikunu mismugħin, u li għandu jkollhom sehem fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-organizzazzjoni li tkun għaddejja fil-parroċċa.

Il-Knisja kienet pijuniera biex tilħaq lit-tfal fil-bżonn, u hekk għadha tagħmel illum, billi tindirizza problemi ġodda bħall-abbuż mid-droga u l-immigrazzjoni, u b'hekk tagħti lit-tfal id-drittijiet tagħhom għal ħarsien minn kull xorta ta' ħsara.

Aktar ma wieħed ikun jemmen fil-ħarsien tat-tfal, daqshekk ieħor jaf isibha diffiċli biex jibda jagħraf id-dritt li għandhom għal parteċipazzjoni. L-informazzjoni li rċevejna



*Tfal l-iskola bl-isticker tal-Kummissarju għat-Tfal*

mill-parroċċi dwar il-'Parteċipazzjoni tat-Tfal' kienet waħda fqira, meta kienu biss 8 parroċċi li wieġbu għat-talba tagħna għal tagħrif fuq is-suġġett. Dan m'hux neċċessarjament ifisser li ma teżistix parteċipazzjoni. Huwa fatt magħruf li ż-żgħażagħ jintalbu li jkunu membri fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali f'diversi parroċċi, madankollu wieħed irid ikompli jistħarreġ biex jara kemm attwalment il-kappillani tagħna qegħdin jagħtu widen lill-parruċċani żgħażagħ tagħhom.

## 2.5. Il-Parteċipazzjoni tat-Tfal f'Għaqdiet Mhux Governattivi

22-il għaqda li jaħdmu ma' u għal tfal u żgħażagħ bagħtu tagħrif lill-Uffiċċju tal-Kummissarju fuq il-livell ta' parteċipazzjoni ta' tfal u żgħażagħ.

Fost l-inizjattivi li saru fi spirtu ta' parteċipazzjoni, żgħażagħ mill-*Fondazzjoni għal Tama Ġdida għar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Jabbużaw id-Droga tal-Caritas* huma ko-awturi ta' pjani ta' kura mfasslin minnhom stess. L-istudenti fl-iskejjel qegħdin jagħtu l-fehma tagħhom dwar kif Fokus, il-programm ta'



*Sonia Camilleri ma' tfal fl-iskola primarja Anton Cassar ta' Għajnsielem*

Prevenzjoni Caritas Malta fl-iskejjel, jista' jsir aktar effettiv, u s-suġġerimenti tagħhom qed jiswew ħafna fir-ristrutturar tal-programm u qegħdin jagħmuh itjeb. Fl-istess waqt il-websajt www.teenzone.org.mt għandha *link* li ż-żgħażagħ jistgħu jużawha biex jibagħtu r-rimarki, ir-reazzjonijiet u s-suġġerimenti tagħhom jew biex jitolbu xi għajnuna jew xi tagħrif.

Fid-*'Dar tal-Providenza'*, li fost oħrajn tieħu ħsieb tfal li għandhom diffikultajiet biex jitgħallmu u/jew diffikultajiet fiżiċi u sensorji, *care workers* u *ability promoters* jitgħallmu kif għandhom jistimulaw lir-residenti biex jesprimu l-fehmiet, ix-xewqat u l-bżonnijiet tagħhom.

Fil-*Union Ħaddiema Magħqudin,* kull membru għandu dritt li jieħu sehem fil-Kumitat Żgħażagħ tal-UĦM, u li juri kif jifhimha fuq kwistjonijiet differenti li jolqtu t-tfal u ż-żgħażagħ.

Il-*Brigata Laburista* tagħti lit-tfal l-opportunità li jiffurmaw il-'Mini Kumitat' tagħhom sabiex ikunu jistgħu jissuġġerixxu xi attivitajiet li jkunu jixtiequ li jkollhom.

Fl-*OASI* f'Għawdex, l-għan ewlieni li jmexxi lill-organizzazzjoni huwa li jagħti liż-żgħażagħ il-kapaċità li jgħidu LE għad-droga. Fiż-ZEST, il-'Grupp ta' Żgħażagħ Ħielsa mid-Droga' fi ħdan l-OASI, l-ippjanar u l-konċettwalizzazzjoni ta' l-attivitajiet jieħdu ħsiebhom iż-żgħażagħ, filwaqt li l-Premju Żagħżugħ tas-Sena jingħata lill-persuna li jista' juri bil-provi li jkun ippartećipa f'xogħol volontarju.

Il-*Kerygma* tiżviluppa attivament il-ħiliet xierqa meħtieġa miż-żgħażagħ għal parteċipazzjoni vera, filwaqt li wieħed mill-għanijiet ta' *ŻAK Malta* huwa li tiżviluppa l-kapaċità fiż-żgħażagħ sabiex jipparteċipaw.

Il-*Mini European Assembly,* li tiġi organizzata kull sena mill-*N.S.T.F* saret avveniment regolari fejn l-istudenti f'livell post-sekondarju jeżaminaw is-sitwazzjoni ta' diversi pajjiżi fl-Ewropa, u waqt serje ta' preżentazzjonijiet fil-Parlament, jiddeskrivu fil-qosor l-għarfien tagħhom dwar il-kwistjonijiet ekonomiċI u soċjo-politiċi tal-pajjiżi u jippreżentaw ir-riżoluzzjonijiet tagħhom. Il-parteċipanti li joħorġu rebbeħin igawdu żjara ta' ġimgħa fi Brussel fejn ikollhom laqgħat ma' parlamentari fil-Livell Ewropew.

Fil-*M.U.S.E.U.M.* il-parteċipazzjoni hija parti mill-proċess ta' tagħlim, waqt li l-Leġjun ta' Marija jinkoraġġixxi diskussjoni attiva fil-laqgħat ta' kull ġimgħa.

Twemmin kbir fil-parteċipazzjoni tat-tfal,



*Il-Kummissarju waqt żjara fi skola*

deher fil-*Birżebbuġa Windmill F.C.,* fejn tfal 'il fuq minn 14-il sena għandhom id-dritt jivvotaw fil-Laqgħa Ġenerali Annwali biex jeleġġu il-Kumitat tan-Nursery, u l-plejers żgħażagħ jiddiskutu pjani u policies ta' miżuri dixxiplinari mal-kowċ tagħhom. Fin-*Nursery ta' Sliema Wanderers* ġiet allokata kamra speċjali fejn it-tfal jistgħu jiltaqgħu mal-kowċijiet tagħhom qabel jew wara s-sessjoni ta' taħriġ biex jiddiskutu kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu.

### *Il-Moviment ta' l-Iscouts u l-Assoċjazzjoni tal-Girl Guides*

Il-parteċipazzjoni tat-tfal tittieħed b'ħafna serjetà minn dawn iż-żewġ għaqdiet li huma inkoraġġiti minn għaqdiet bħalhom internazzjonali biex jimplimentaw b'mod sħiħ dan id-dritt tat-tfal bażiku.

Fil-Moviment ta' l-Iscouts, persuni li jokkupaw karigi għoljin fl-għaqda jintgħażlu mill-mexxej ta' kull taqsima bil-parir tat-tfal li minnhom ikun magħmul is-Six/Patrol partikulari. Il-Kunsilli tat-Taqsimiet jitmexxew minn *cub scouts* u/jew *scouts* li jaraw x'għandu jidher fl-aġenda, waqt li fis-seminars li jiġu organizzati, it-tfal jintalbu jagħżlu dwar xiex ikunu jridu jiffokaw.



*Ir-reġistrazzjoni għall-Kors tad-Drittijiet tat-Tfal organizzat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju*



*Sonia Camilleri tindirizza lil grupp ta' tfal fl-okkazzjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal 2005, fejn kienet preżenti ukoll ir-Regina ta' l-Ingilterra*

Id-dritt ta' appell minn azzjonijiet dixxiplinari li jwasslu għat-tkeċċija ta' tifel mill-Moviment ta' l-Iscouts huwa mogħti lit-tfal kollha.

Fl-2006, Forum Nazzjonali ta' l-Iscouts mistenni jitwaqqaf uffiċjalment mal-Forum Euro-Med ta' l-Iscouts Żgħażagħ sabiex ikun żgurat li ż-żgħażagħ jesprimu l-opinjoni tagħhom fi stituzzjoni uffiċjali u permanenti.

L-Assoċjazzjoni tal-Girl Guides hija ffokata ħafna fuq id-drittijiet tat-tfal. Twemmin sod li fuqu hija msejsa l-ħidma kollha li ssir ma' tfal bniet, huwa li bis-saħħa ta' firxa komprensiva ta' riżorsi ta' appoġġ, membri individwali jistgħu jingħataw il-kapaċità li jkunu ċittadini attivi u effikaċi fil-komunitajiet lokali u globali tagħhom.

Fil-fatt tnejn mis-sitt drittijiet li qegħdin jaħdmu fuqhom sa l-2008 fit-tema intitolata 'Id-Drittijiet Tagħna, Id-Dmirijiet Tagħna' huma: Id-dritt li ninstemgħu u Id-dritt li naħdmu flimkien.

L-ikkonkretizzar ta' dawn id-drittijiet deher fl-organizzazzjoni ta' fora fuq livell nazzjonali li ttrattaw kwistjonijiet bħal 'Id-Difiża tal-prinċipju dwar il-Prevenzjoni tat-Tqala ta'l-Adoloxxenti'.

Sinjifikanti ħafna il-pass li għamlet l-

Assoċjazzjoni meta adottat is-slogan 'Bniet fid-Dinja Kollha Jgħidu' bħala l-impenn tagħha li tkun il-leħen tat-tfal bniet u n-nisa żgħażagħ.

### 2.6. Il-Parteċipazzjoni tat-Tfal fis-Sistema Ġudizzjarja

It-twaqqif tal-Qorti tal-Familja, tas-Servizzi ta' Medjazzjoni, ta' *video-conferencing* fil-Qorti Kriminali, u fuq kollox il-post ta' Avukat għat-Tfal, kienu passi fid-direzzjoni t-tajba biex jingħata leħen lit-tfal.

Madankollu, meta wieħed iqis in-numru kbir ta' każi fil-qorti, in-numru ta' Mħallfin, ta' Medjaturi u ta' Avukati tat-Tfal għadu mhux biżżejjed u dan huwa kkonfermat mhux mill-klijenti nfushom iżda wkoll mill-ġudikatura. It-taħriġ tal-ħaddiema tal-qrati fil-mod kif jittrattaw mat-tfal għadu mhux jingħata, għalkemm dan l-Uffiċċju kellu l-okkażjoni li jirrakkomanda dan lis-Segretarju Parlamentari, lill-Prim Imħallef u lill-President tal-Kamra ta' l-Avukati.

Ftit li xejn hemm għarfien li jeżistu l-Avukati tat-Tfal u kif wieħed jista' jaċċessahom. Il-Ġudikatura għandu jkollha aċċessibbiltà aktar faċli għas-servizzi ta' appoġġ li hemm fil-qasam soċjali.

L-istrutturi qegħdin f'posthom, għalkemm għadu mistenni illi l-Avukat tat-Tfal ikun'sew l-avukat tat-tifel/tifla kif ukoll il-Kuratur *ad Litem* tiegħu/tagħha. Jeħtieġ li jittieħed ħsieb li jissodaw is-servizzi jekk tassew irridu li t-tfal jingħataw leħen.

### 2.7. Il-Parteċipazzjoni tat-Tfal fil-Medja

Is-sena 2005 rat lill-Awtorità tax-Xandir ta' Malta tadotta linji gwida fuq kif għandhom jiġu mħarsa persuni vulnerabbli, fosthom tfal, fil-Medja, l-aktar fit-televiżjoni. Immexxija mill-istess spirtu, il-Public Broadcasting Services ħarġet sett ta' regolamenti dwar il-kundizzjonijiet li bihom tfal vulnerabbli għandhom jieħdu sehem f'ċerti programmi.

Il-parteċipazzjoni tat-tfal f'sens aktar wiesa', ngħidu aħna fl-għażla, l-ippjanar, it-tfassil u l-preżentazzjoni ta' programmi għadha fl-istadju inizjali ħafna tagħha, meta, darba biss, produttur ipprova jħaddem din il-politika bis-serjetà.

Intbagħtu ittri lil 30 stazzjon tat-T.V. u tar-Radju kif ukoll lill-gazzetti biex ikunu infurmati bl-Artiklu 12 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u biex ikunu mistoqsijin dwar il-livell ta' parteċipazzjoni li ntlaħaq fl-organizzazzjoni tagħhom.

Tliet ittri biss waslu lura bit-tagħrif li ntalab. Dawn kienu mibgħuta minn The Allied Newspapers Ltd., mill-RTK u mil-Leħen is-Sewwa. Id-dritt tat-tfal li jipparteċipaw fl-oqsma kollha li jaffettwawhom direttament jidher li għadu ġdid ħafna għall-intrapriżi l-oħra tal-Medja.

*The Sunday Times of Malta*, it-*Times of Malta* u l-*Leħen is-Sewwa* jinkoraġġixxu lit-tfal jiktbu fil-gazzetti tagħhom. The Sunday Times of Malta ġġib aġġornamenti ta' kull xahar mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, it-Times of Malta, darba f'ġimgħa jkollha erba' paġni *Junior News*, u t-tnejn li huma jkollhom kitbiet ta' kontributuri żgħażagħ. Hemm mill-anqas żewġ ġurnali oħra li għandhom paġna tat-tfal regolari. Il-*Leħen is-Sewwa* għandha wkoll paġna għaż-żgħażagħ darba fix-xahar u tilqa' kontribuzzjonijiet minn tfal u żgħażagħ. Il-gazzetta tgħin lill-magażin 'Tagħna t-Tfal' li jippubblika wkoll artikli tat-tfal.

L-RTK regolarment ixandar program li fih jistieden lit-tfal jitkellmu dwar ħwejjeġ ta' interess f'ħajjithom. Hemm ukoll pjanijiet li jsir programm ta' diskussjoni għaż-żgħażagħ.



*Interventi waqt is-sessjoni plenarja tal-Konsultazzjoni fuq il-Parteċipazzjoni organizzat mill-Ufficcju tal-Kummissarju*

### 2.8. Il-veduti taż-Żgħażagħ dwar il-Parteċipazzjoni tat-Tfal in ġenerali

Wara li kien intalab tagħrif mingħand l-adulti dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal, saret laqgħa ta' konsultazzjoni maż-żgħażagħ fuq is-suġġett fl-10 ta' Diċembru 2005. 35 żagħżugħ u żagħżugħa li ilhom f'kuntatt ma' l-uffiċċju tal-Kummissarju għal dawn l-aħħar sentejn u li kienu għamlu taħriġ bażiku fid-Drittijiet tat-Tfal ġew mogħtija preżentazzjoni qasira fuq x'tassew tfisser il-Parteċipazzjoni u mbagħad, miġburin f'*focus groups* u permezz ta' kwestjonarju, ġew mitlubin jgħidu x'jaħsbu dwar il-livell ta' parteċipazzjoni li hawn illum.

Mit-tagħrif miġbur ħareġ li:

- huma jħossu li qegħdin jipparteċipaw sewwa fid-dar fejn kienu involuti fl-għażla f'affarijiet bħal ħwejjeġ, ħruġ tal-familja, ikel u saħansitra fil-baġit tal-familja. Punt ta' diskussjoni regolari huwa l-ħin li jitħallew jibqgħu barra fil-għaxija.
- huma rrapportaw li ftit ftit qegħdin iħossu li qegħdin ikunu involuti aktar f'dak li jiġri fl-iskola u li kienu dejjem ikkonsultati dwar il-kunsill ta' l-istudenti, l-uniformi ta' l-iskola, it-tuck shop, il-librerija, id-dixxiplina u l-iskola in ġenerali.
- il-livell ta' parteċipazzjoni tagħhom biex jaqsmu fl-ideat u t-teħid tad-deċiżjonijiet fil-parroċċI tagħhom kien baxx, filwaqt li l-istess tip ta' parteċipazzjoni fil-kunsilli lokali tagħhom kien prattikament ineżistenti.
- il-parti l-kbira minnhom kienu kuntenti bil-livell ta' parteċipazzjoni fl-għaqdiet taż-żgħażagħ tagħhom.
- kważi lkoll kemm huma qalu li jħossu li ma jiġux ikkonsultati dwar dak li jiġri f'oqsma pubbliċi, bħalma huma l-bajjiet, iċ-ċinema, u transport pubbliku.
- focus group minnhom esprima x-xewqa li jkun involut aktar fil-politika iżda qalu li ma kienux interessati fil-politika partiġjana.

L-intuwizzjoni tagħhom dwar x'qiegħed itellef il-parteċipazzjoni, u s-suġġerimenti tagħhom dwar x'jista' jsir biex tittejjeb il-parteċipazzjoni huma partikolarment interessanti.

*X'qiegħed itellef il-parteċipazzjoni*

- Il-mistħija
- In-nuqqas ta' taħriġ fit-teħid ta' deċiżjonijiet
- Il-biża' li tesprimi l-opinjoni tiegħek
- In-nuqqas ta' setgħa u appoġġ
- In-nuqqas ta' kunfidenza u għerf
- In-nuqqas ta' opportunitajiet
- L-ibbuljar
- M'hemmx biżżejjed opportunitajiet ta' diskussjoni
- Il-ħtieġa li nisimgħu aktar lil xulxin
- Żgħażagħ/tfal li jiddieħku bl-opinjonijiet ta' sħabhom tamparhom
- M'hemmx biżżejjed ideat
- Id-diskriminazzjoni
- L-attitudni prepotenti ta' l-adulti lejn it-tfal
- In-nuqqas ta' interess mill-adulti fejn tidħol il-parteċipazzjoni tat-tfal
- Adulti li jinjoraw lit-tfal
- Adulti li jxejnu t-tfal u l-ideat tagħhom
- L-attitudni fost l-adulti li t-tfal 'ma jifhmux'
- Adulti li għandhom wisq x'għamlu biex iħabblu rashom dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal
- Adulti li mhux lesti għall-fatt li t-tfal jista' jkollhom opinjoni ta' min jikkunsidraha
- Adulti li probabbilment jibżgħu li ma jkunux kapaċI jikkontrollaw lit-tfal jekk jingħataw il-permess imexxu huma ċerti *issues* li jinvolvu lilhom

*X'tissuġġerixxi sabiex ittejjeb il-parteċipazzjoni?*

- Aktar edukazzjoni u għarfien fuq il-parteċipazzjoni
- Aktar opportunitajiet mogħtija lit-tfal biex isemmgħu leħinhom
- Tisħiħ ta' kunfidenza
- Ħiliet fil-komunikazzjoni
- Aktar għajnuna u kooperazzjoni mill-adulti
- Aktar Kunsilli għat-tfal
- It-tħajjir għas-soċjalizzazzjoni
- L-adulti jeħtieġ jagħtu aktar widen
- Iżjed laqgħat dwar il-parteċipazzjoni
- Relazzjonijiet aħjar bejn adulti/għalliema u studenti
- Ħadd ma għandu jitħalla barra meta jittieħdu d-deċiżjonijiet
- L-istudenti m'għandhomx jitilfu l-laqgħat tal-Kunsill tagħhom
- Il-Kunsilli ta' l-Istudenti għandhom jiddiskutu affarijiet li jolqtu direttament lill-istudenti u mhux dawk biss li jolqtu lill-iskola in ġenerali
- L-adulti jagħmlu sew li jikkonsidraw is-suġġerimenti tat-tfal bis-serjetà qabel ma jwarrbuhom
- Aktar opportunitajiet għall-parteċipazzjoni fis-soċjetà
- Edukazzjoni u tħejjija għal parteċipazzjoni fi gruppi żgħar
- Edukazzjoni aħjar dwar id-drittijiet tat-tfal

**Konklużjoni**

Il-ħidma tul it-tliet xhur sħaħ li ħadna biex naraw liema livell ta' parteċipazzjoni qegħdin igawdu t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna fi ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu magħhom direttament, kif jindika l-kapitlu t'hawn fuq, uriet li għandna bidu tajjeb f'dan il-qasam speċjalment fl-iskola u fid-dar.

Il-passi ewlenin li jeħtieġ jittieħdu huma:

- Li t-tfal u l-pubbliku in generali jiġu edukati dwar it-tifsira vera tal-Parteċipazzjoni tat-Tfal
- Li lkoll nirrealizzaw li d-dritt tat-Tfal u ż-Żgħażagħ għall-Parteċipazzjoni jirreferi għall-affarijiet *kollha* li jikkonċernaw lilhom, u mhux dawk biss fejn aħna normalment nikkonsultaw u naħdmu mat-tfal.
- Li nistenbħu u nintebħu li mhumiex biss it-tfal li għandhom x'jirbħu mill-implimentazzjoni ta' dan id-Dritt, iżda s-Soċjetà kollha kemm hi.
- Li d-dritt għal parteċipazzjoni huwa adottat bħala *policy* fl-NAPs kollha u f'ambjenti li fihom ikun hemm it-tfal.

**2B) Żviluppi Ewlenin fl-2005**

Proġetti/inizjattivi li jolqtu t-tfal li saru mill-*Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali* matul l-2005

1. Ir-Regolamenti għat-Tfal u ż-Żgħażagħ (Ordnijiet ta' Ħarsien) (Emendi) li daħlu fis-seħħ fit-12 t'April 2005. Fost affarijiet oħra, dawn l-emendi jindirizzaw dawn l-*issues*:
   a. Kull tifel/tifla jew żagħżugħ/żagħżugħa taħt Ordni ta' Ħarsien jeħtieġ li jkollu/jkollha pjan ta' ħarsien u jkun/tkun assenjat/a *social worker* ewlieni li jfassal, jikkoordina u jsegwi l-implimentazzjoni u l-progress tal-pjan ta' ħarsien;
   b. Il-każ għandu jkun rivedut kull sitt xhur (jew anqas' jekk tinħass il-ħtieġa) u t-tifel/tifla jew żagħżugħ/a fkun mismugħ/a;
   ċ. Tifel/tifla jew żagħżugħ/a taħt ordni ta' ħarsien temporanja għandu d-dritt li jkun/tkun irrappreżentat/a minn avukat fil-proċess quddiem il-Qorti għall-Minorenni li jkun iwassal għall-ħruġ ta' Ordni ta' Ħarsien definittiva.
   d. Il-Ministru responsabbli mill-affarijiet soċjali jista' jiddelega rappreżentant biex jisma' lill-ġenitur/i jew kuraturi ta' tfal/żgħażagħ jew tfal/żgħażagħ infushom.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Djar Residenzjali għat-Tfal u l-*Foster Care* qiegħed jikkoordina numru ta' *policies* u rakkomandazzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-kwalità tal-għajxien tat-tfal fil-ħarsien residenzjali u/jew *foster care.*

3. Il-Ħarsien tat-Tfal: L-Istandards proposti, maħruġa fid-dokument ta' konsultazzjoni dwar il-ħarsien ta' matul il-jum għat-tfal, bħal issa qegħdin jintużaw bħala dokument amministrattiv. Dawk li qegħdin joffru servizz u oħrajn prospettivi qegħdin jiġu ggwidati skond dawn l-istandards u mistennija li jimxu mal-*policy* f' dak li għandu x'jaqsam ma' dawn l-istandards. L-istandards jirrigwardaw oqsma bħalma huma l-provedimenti li jiżguraw is-sigurtà u l-benesseri tat-tfal, il-kwalità ta' l-istaff u l-proporzjon bejn tfal u kuraturi, il-konvenjenza xierqa tal-postijiet u l-*policies* u l-proċeduri meħtieġa biex is-servizz jingħata b'mod xieraq.

Id-Dipartiment għall-iStandards tal-Ħarsien Soċjali, li qabel kien magħruf bħala d-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Familja, riċentement tbiddel l-isem biex jirrifletti l-bidla tar-responsabbiltajiet tad-Dipartiment. Dan ta' l-aħħar kien soltu jaqdi l-funzjoni ta' tqassim tas-servizz ta' ħidma soċjali, iżda issa qiegħed jassumi l-funzjoni ta' korp regolatur għas-settur tal-Ħarsien Soċjali, jimmonitorja u jassessja sett ta' standards u jiżgura t-tħaris tar-regolamenti aċċettati mill-Gvern. Wieħed mill-oqsma ta' prijorità identifikati mid-Dipartiment u li attwalment qiegħed jiġi indirizzat, huwa s-settur tal-ħarsien tat-tfal matul il-jum. L-istqarrija ta' ħidma adottata mid-Dipartiment hi titjib fl-istandards ta' ħarsien soċjali permezz tad-djalogu u r-regolamenti'. Id-Dipartiment għall-Istandards tal-Ħarsien Soċjali għamel eżerċizzju biex janalizza n-nuqqasijiet f'madwar 35 faċilità li jieħdu ħsieb tfal ta' taħt it-tliet snin.

Waqt id-diskors tal-baġit għall-2006, tħabbar li se jkunu allokati Lm130,000 biex jiġu megħjunin dawk li diġà jipprovdu servizz ta' ħarsien għat-tfal sabiex ikunu jistgħu jilħqu l-istandards proposti.

4. Fl-2005 saret reviżjoni tal-liġijiet ta' l-adozzjoni u qegħdin jitfasslu xi emendi. Barra dan, qed jitfassal abbozz ta' Liġi tal-Fostering.

5. Matul l-2005, familji b'aktar minn 3 itfal irċevew żjieda fiċ-*Children's Allowance* tagħhom. Fl-2006, l-allokazzjoni għaċ-*Children's Allowance* ippjanata li tiżdied bi Lm38,000, bit-total jammonta għal Lm14.25 miljun.

6. Kienu mfasslin linji gwida għal ġenituri fejn jidħlu tfal refuġjati u policy għal minorenni mhux akkumpanjati. Matul l-2005, infetħet it-tieni dar għal minorenni mhux akkumpanjati – Dar is-Sliem, f'Birkirkara – biex tipprovdi akkomodazzjoni u tieħu ħsieb il-ħtiġiet ta' ħarsien soċjali ta' minorenni mhux akkumpanjati.

7. Il-Liġi tal-Vjolenza Domestika – din il-Liġi se toffri protezzjoni lil vittmi tal-vjolenza domestika, inklużi tfal anke jekk għadhom mhux imwielda. Permezz ta' din il-Liġi, f'każi fejn isseħħ vjolenza domestika, il-ħarsien u l-ħtiġiet tat-tfal se jingħataw attenzjoni partikulari.

8. Ix-Xorb Taħt l-Età – l-MFSS mexxiet proposti– dwar il-bejgħ lil u l-konsum ta' l-alkoħol minn persuni taħt l-età.

9. Waqt id-Diskors tal-Baġit għall-2006, kien imħabbar li l-programm 'Innoċenti' se jkun imniedi matul is-sena li ġejja. Dan se jkun servizz li se jipprovdi appoġġ qawwi lil tfal bi mġieba diffiċli.

10. L-Aġenzija APPOĠĠ saħħet is-servizzi għat-tfal u ġiet allokata aktar għajnuna finanzjarja.

11. L-Aġenzija APPOĠĠ - Permezz ta' għotja ta' flus mill-Commonwealth, l-Aġenzija APPOĠĠ qiegħda tingħata servizzi ta' konsultazzjoni u taħriġ lil professjonisti li jaħdmu mat-tfal.

12. Supportline 179 ta' l-Aġenzija APPOĠĠ ilu jaħdem bla waqfien mill-15 ta' Jannar 1996, bis-saħħa tax-xogħol iebes u l-impenn sħiħ mill-voluntiera u l-istaff iddedikat. Tul dawn is-snin Supportline 179 wieġeb 145,000 telefonata, f'79,970 siegħa ta' xogħol volontarju, imwettaq minn 235 voluntier/a. Supportline 179 jaf il-bidu tiegħu bħala *helpline* lil vittmi ta' l-abbuż tat-tfal u tal-vjolenza domestika, u kompla jikber biex sar *helpline* nazzjonali li jittratta madwar 60 problema differenti. Is-servizz kiber minn wieħed ta' 11-il siegħa ta' servizz għal wieħed li joffri għajnuna 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa. Il-voluntiera jiġu mħarrġin u segwiti mill-qrib biex ikun żgurat servizz professjonali ta' kwalità lil numru dejjem jikber ta' talbiet minn nies li jeħtieġuh. Dawn huma appoġġjati mill-istaff ta' Supportline 179 u minn grupp ta' *supervisors* li jkunu *on call* f'kull jum tas-sena.

    Fl-2006, Supportline 179 se jkun qed jiċċelebra l-10 Anniversarju. Matul dawn is-snin li ilu jaħdem dan is-servizz kien ta' għajnuna għal numru ta' tfal, adulti u familji li jeħtieġuh.

    Proġetti/inizjattivi li jolqtu lit-tfal li saru mid-Dipartiment tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità fl-2005

### *Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali (Saħħa)*

Seminar fuq is-saħħa tat-tfal u l-ambjent għal min jipprovdi l-ħarsien tas-saħħa kien organizzat mill-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali (Saħħa) f'kollaborazzjoni ma' WHO– EURO fit-2 ta' Diċembru 2005.

Il-programm kien jinkludi preżentazzjoni minn Ms Leda Nemer, miċ-Children's Health and Environment Programme tal-WHO. Il-preżentazzjoni kienet intitolata 'Why Children? Children are not little adults', introduzzjoni għaċ-Children's Environment and Health Action Plan for Europe (CEAHAPE).

### *It-Taqsima tal-Promozzjoni tas-Saħħa*

1. *Laqgħa għar-riċerkaturi tal-Health Behaviour of School-aged Children Study li saret f'Malta.*
   Id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa ħa ħsieb il-laqgħa tar-rebbiegħa tal-Health Behaviour of School-aged Children Study bejn is-27 u d-29 ta' Mejju 2005. 'Il fuq minn mitt riċerkatur minn tnejn u sebgħin pajjiż mill-Ewropa u l-Amerika ta' Fuq ħadu sehem fil-laqgħa li nżammet fl-iMġarr Hotel f'Għawdex.
   L-istudju huwa studju ta' riċerka *cross-national* tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa dwar is-saħħa u mġibiet tas-saħħa ta' l-adolexxenti. Din issir darba kull erba' snin fost adolexxenti ta' 11, 13 u 15-il sena.
   L-istudju li jmiss għandu jsir fl-2006, fejn jintgħażlu addoċċ 1,300 tifel u tifla minn kull grupp ta' etajiet li jintalbu jwieġbu kwestjonarju dwar l-imġieba tagħhom fis-saħħa. Il-kwestjonarju li se jintuża f'dan l-istudju kien finalizzat waqt il-laqgħa ta' Għawdex. Ir-riżultati li joħorġu mill-istudju mistennija li jkunu ippubblikati sa Mejju tas-sena d-dieħla.

2. *Taħriġ ta' l-Għalliema*
   Taħriġ ta' l-għalliema fis-Saħħa Sesswali kien mogħti waqt is-sessjonijiet ta' taħriġ ta' l-għalliema *in-service* f'Lulju u Settembru 2005.

3. *Taħditiet fl-Iskejjel*
   Id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa ikollu talbiet biex jagħti taħditiet fuq suġġetti varji fl-iskejjel tul is-sena skolastika kollha. Saru taħditiet f'diversi skejjel f'Malta u Għawdex matul is-sena skolastika 2004/2005 fuq dawn is-suġġetti:
   - Ikel Bnin għat-Tfal ta' l-Iskola
   - Taħriġ Fiżiku
   - It-Tabakk
   - Ħarsien mix-Xemx

   Barra dan, qiegħed isir programm ta' taħditiet immirati għal studenti tar-Raba' Sena fl-iskejjel sekondarji ma' Malta u Għawdex dwar is-Saħħa Sesswali u l-Infezzjonijiet Trasmessi Sesswalment.

4. *Task Force for Appropriate School Nutrition Environments (TASNE)*
   Id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa huwa rrappreżentat fit-*Task Force for Appropriate School Nutrition Environment (TASNE)* li li l-għan tagħha hu li tiżviluppa rakkomandazzjonijiet għal *Policy* Nazzjonali għal Ambjenti ta' Ikel Bnin fl-Iskejjel.
   It-*Task Force* lestiet abbozz ta' *Policy* Nazzjonali li tieħu in konsiderazzjoni l-etos ta' l-iskola u sejset il-pjan tagħha fuq il-kunċett ta' Skola għal Promozzjoni tas-Saħħa (Health Promoting School).

5. *Saħħti tiegħi, irrid nieħu ħsiebha*
   Id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa, b'kollaborazzjoni mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni mexxiet proġett biex tieħu ħsieb il-Ħxuna Żejda fit-Tfal ta' l-Iskola Sekondarja tas-Subien P.P. Saydon taż-Żurrieq. Il-proġett huwa msejjes fuq il-mod kif l-iskola tħares lejn il-promozzjoni tas-saħħa, fejn il-popolazzjoni kollha ta' l-iskola tkun involuta u tifforma parti mill-pjan ta' żvilupp ta' l-iskola għat-tliet snin li ġejjin. Il-proġett jaħseb għat-tagħmil taż-żgħażagħ dwar mod ta' għajxien li jagħmel ġid lis-saħħa, partikolarment fin-nutrizzjoni u l-eżerċizzju, permezz ta' sehem dirett f'attivitajiet kurrikulari u extra-kurrikulari. Il-proġett se jinxtered fi skejjel oħra ta' livell sekondarju.

6. *Ħarsien mix-Xemx*
   Minn April sa Mejju tmexxiet kampanja li kellha l-għan li twassal għarfien fost it-tfal ta' l-iskola dwar il-ħsara li x-xemx tista' tagħmel lill-ġilda tagħhom.
   Il-kampanja, li saħqet fuq il-bidla mixtieqa fi mġiebet it-tfal biex inaqqsu mill-ħin li joqogħdu fix-xemx, kienet tikkonsisti fi:
   - fuljett immirat speċifikament għat-tfal tar-4 Sena, li kien fih attività li kellha tkun kompluta mit-tfal;
   - taħditiet fi skejjel ma' Malta u Għawdex
   - parteċipazzjoni fil-programm Education 22 fuq it-televiżjoni
   - reklami fuq il-karozzi tal-linja

7. *Proġett ta' Kontroll ta' Tabakk fl-Adolexxenti*
   Id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa, flimkien ma' pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea, qiegħed jipparteċipa f'kampanja kontra t-tipjip. Din il-kampanja msejħa '*HELP' – For a Life Without Tobacco*' għandha l-għan li l-ewwel u qabel kollox tilħaqq effettivament lil żgħażagħ u dawk li jaħdmu mill-qrib fil-qasam taż- żgħażagħ, sew jekk ipejpu kemm jekk ma jpejpux.
   L-għodda użata f'dil-kampanja tinkludi wirja tat-triq li kienet l-ewwel pass biex tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku in ġenerali, segwita mit-tqassim ta' materjal ta' tagħrif, applikazzjonijiet u oġġetti promozzjonali.
   Kien hemm ukoll reklami fuq it-televiżjoni, stqarrijiet għall-istampa u konferenzi stampa. Dil-kampanja wasslet biex ikun hemm għarfien dwar il-prevenzjoni mit-tipjip, il-perikli għal min jibla' d-duħħan tat-tipjip ta' ħaddieħor (p*assive smoking*) u l-waqfien mit-tipjip. Orarji skedati għal klassijiet biex wieħed jieqaf mit-tipjip baqgħu sejrin sa Lulju 2005.

8. *L-Importazzjoni ta' ħelu għamla ta' sigarett*
   Id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa qiegħed jopponi l-importazzjoni ta' ħelu għamla ta' sigarett.
   It-tfal qegħdin ikunu influwenzati biex jiddakkru mill-vizzju tat-tipjip meta jingħataw dat-tip ta' ħelu. Ġeneralment huwa aċċettat illi t-tfal jimitaw ħafna mill-imġibiet tal-kbar u l-fatt li jistgħu jakkwistaw is-sigaretti, jipprovdilhom l-għodda biex jagħmlu hekk. Dan jista' jħajjar lit-tfal ta' età żgħira biex jaqbdu l-vizzju tat-tipjip.
   L-importaturi bdew proċeduri quddiem il-qorti kontra din il-projbizzjoni.

9. *European Network of Health Promoting School*
   Id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa ipparteċipa fil-European Network of Health Promoting School li saret f'Edimburgh fl-Iskozja. Fil-laqgħa kienu diskussi l-politika



*Sonia Camilleri tisma' lil tifel waqt żjara fi skola*

u l-azzjoni biex tiġi miġġielda l-ħxuna żejda fit-tfal ta' l-iskola. Kien ifformulat manwal li se jintuża min-Network kollha. Dan il-manwal li issa jinstab f'idejn id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa ta' Malta se jkun ta' għajnuna fil-pubblikazzjoni tal-manwal lokali.

*10. Breakfast Bnin għat-Tfal ta' l-Iskola*

Id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa jkun konsultat meta jiġu organizzati *Breakfasts* Bnini fl-iskejjel. Id-Dipartiment jagħti pariri dwar x'ikel ikun ipprovdut lit-tfal waqt il-*breakfast*.

L-Iskola Primarja taż-Żejtun organizzat wieħed minn dawn l-avvenimenti b'mod differenti billi t-tfal lestew *snack* bnin għall-ġenituri tagħhom ukoll. Il-ġenituri kienu indirizzati mit-Taqsima tal-Promozzjoni tas-Saħħa fil-ħin ta' filgħodu u ngħataw tagħrif dwar l-ikel bnin fil-familja. Din l-attività kienet iffilmjata u ġiet imxandra fuq Channel 22.

*11. Rapporti fil-Medja*

- Fil-programm 'Sibt il-Familja' fuq Channel 22, darba fil-ġimgħa kull nhar ta' Sibt wara nofs in-nhar, ixxandar sett ta' 10 sessjonijiet ta' 20 minuta dwar aspetti varji ta' l-ikel bnin u taħriġ fiżiku regolari
- Serje ta' 6 sessjonijiet dwar il-Ġarsien mix-Xemx għat-tfal fil-programm 'Sibt il-Familja' fuq Channel 22
- Serje ta' żewġ programmi ma' Annalise Ellul dwar 'Il-Ħxuna Żejda fit-Tfulija' fuq Channel 22
- Ġin waqt il-programm tat-tfal 'Luna Park' (Channel 22) – suġġett: attività fiżika
- Intervista dwar 'ikel bnin u attività fiżika għat-tfal ta' l-iskola' waqt il-programm tat-tfal 'Żmeraldi'

*12. 'Move for Health Day 2005' - Mixja sa Għar San Martin*

Biex tiċċelebra 'Move for Health Day 2005' u f'kollaborazzjoni ma' l-Iskola Speċjali tal-Wardija, kienet organizzata mixja mill-iskola sa Għar San Martin u lura. Kien iddisinjat *flyer* li tqassam bħala stedina lill-pubbliku in ġenerali.

Fuljetti u brieret tax-xemx ta' *Ċaqlaq*, kampjuni ta' krema għal ħarsien mix-xemx u meraq tal-frott tqassmu lil madwar 100 ruħ li ħadu sehem.



*Il-Kummissarju ġiet milqugħa b'dimostrazzjoni ta' breakdance waqt żjara fi skola*

*13. Seminar tal-Kumitat Olimpiku Malti*
'Child Obesity – A move to reduce' kienet it-tema ta' preżentazzjoni mħejjija għas-seminar bit-titlu 'The role of sports science in young athletes' li kien organizzat mill-Kumitat Olimpiku Malti fil-Lukanda Dolmen, f'Buġibba bejn it-18 u l-20 ta' Novembru 2005. Udjenza fil-mira: atleti żgħażagħ.

**Proġetti/inizjattivi li jolqtu lit-tfal li saru mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg matul l-2005**

Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg fassal il-pjan ta' reviżjoni fis-settur ta' l-edukazzjoni bil-għan li janalizza, jirrifletti u jagħmel rakkomandazzjonijiet fuq'*issues* importanti f'dan il-qasam. Il-Ministeru daħal għal reviżjoni ta' l-oqsma li ġejjin:

- Edukazzjoni għas-Snin Bikrin tat-Tfulija
- L-attendenza fl-iskola
- Tmexxija
- Awtonomija
- Gwida tal-Karrieri
- MATSEC
- Edukazzjoni Inklussiva u Speċjali
- Edukazzjoni Ogħla
- Ħiliet BażiċI ta' l-Adulti
- Tagħlim Tul il-Ħajja

Numru ta' rapporti tlestew u qegħdin jitwettqu, oħrajn waslu biex jitlestew.

For All Children to Succeed (FACTS) kien ippubblikat f'Ġunju 2005 u jipproponi żewġ bidliet ewlenin fis-sistema edukattiva. L-ewwel waħda tindirizza r-ristutturar ta' l-iskejjel ta' l-istat f'numru ta' Kulleġġi. Il-benefiċċji ta' sistema ta' din ix-xorta joħorġu mill-fatt li l-istudenti jkollhom moħħhom mistrieħ li se jgħaddu minn stadju edukattiv għal ieħor mingħajr ebda skossi, mill-kindergarten għall-primarja u mill-primarja għas-sekondarja. Il-bidliet proposti se jintroduċu l-post ta' prinċipal li jkun responsabbli għall-iskejjel kollha tal-Kulleġġ. Kull skola xorta se jkollha l-Kap tagħha. Il-Kapijiet ta' l-Iskola kollha se jiltaqgħu f'Kunsill għall-Kapijiet u flimkien jiddeċiedu dwar program li jaħseb għal ħtiġiet ta' kulleġġ partikolari. B'dan il-mod, programmi edukattivi jibdew jindirizzaw ħafna iżjed il-ħtiġiet individwali ta' l-istudenti, iktar milli jaraw li l-istudenti jadattaw ruħhom għas-sistema.

Id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni se tevolvi u ssir regolatur u direttorat tas-servizzi. Dan iwassal biex l-iskejjel jingħataw aktar awtonomija f'qafas miftiehem ta' kontabilità. L-għan ta' din ir-riforma kollha huwa biex jiżgura li t-tfal jingħataw edukazzjoni ta' kwalità li tgħinhom jiżviluppaw il-potenzjal kollu tagħhom.

L-analiżi ta' l-Edukazzjoni Inkluživa u Speċjali (rapport Spiteri) tagħmel serje ta' rakkomandazzjonijiet bil-għan li toffri servizzi edukattivi mtejba lill-istudenti li għandhom xi diżabbiltà. Ġie magħżul koordinatur li ngħata l-mandat li jibda l-implimentazzjoni tar-rapport Spiteri. Is-setturi ta' l-edukazzjoni inkluživa u speċjali issa qegħdin taħt l-istess direzzjoni bħalma huwa rrakkomandat fir-rapport. Il-koordinatur issa qiegħed jaħdem fuq programmi ta' taħriġ għal faċilitaturi, taħriġ speċjali fil-qasam ta' ħtiġiet speċjali f'livell post-gradwatorju u wkoll l-introduzzjoni ta' servizzi ġodda għal studenti li għandhom xi diżabbiltà.

Ir-rapport fuq l-Attendenza fl-Iskola jippreżenta abbozz ta' *policy* dwar il-bżonn illi l-iskejjel itejbu r-rata ta' l-attendenza fl-iskola. Ir-rapport jagħmel serje ta' rakkomandazzjonijiet li bihom kull tifel ikun segwit b'mod sħiħ u kemm hu possibbli l-assenteiżmu jinżamm

f'minimu assolut. It-tfal, meta ma jmorrux skola, ikunu tilfu esperjenzi li qatt ma jistgħu jiġu rkuprati.

Ir-rapport tal-MATSEC hu wieħed fost l-aħħar pubblikazzjonijiet u fih imniżżlin numru ta' bidliet li maħsubin li se jwasslu għal sistema ta' operazzjoni mtejba. Waħda mill-bidliet ewlenin hi l-introduzzjoni ta' sistema ta' ċertifikazzjoni ġdida fil-qasam tal-ħiliet bażiċi. L-għan hu illi kull student li jtemm l-iskola obligatorja jkollu ċertifikat li jkun juri l-ħiliet miksuba.

Ir-rapporti tas-settur ta' l-Edukazzjoni Ogħla għandhom il-għan li joħolqu aktar aċċess għal provvediment ta' edukazzjoni post-sekondarja. Il-Ministeru jemmem bis-sħiħ li l-ġejjieni tan-nazzjon tagħna qiegħed fl-iżvilupp taċ-ċittadin, u l-ħolqien ta' opportunitajiet edukattivi mhux biss primarjament jippermettu lil individwi jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom, iżda se jkun ta' ġid soċjali u ekonomiku.

### *Proġetti/inizjattivi li jolqtu lit-tfal li saru mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern matul l-2005*

Il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern ippropona emendi għal Kodiċi Ċivili, Att 16 (2004) li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2005. Dawn l-emendi jagħmlu parti importanti fl-aġġornament meħtieġ sabiex id-drittijiet ċivili jibqgħu rilevanti.

Il-bidliet li seħħew fil-Kodiċi Ċivili jolqtu tliet setturi: il-wirt, l-istatus tal-persuni u tal-proprjetà.

Hemm żewġ bidliet fundamentali li jolqtu lit-tfal:

1. Fil-kodiċi ma hemmx aktar id-distinzjoni prerogattiva ta' tfal leġittimi u tfal illeġittimi. Għalkemm, ma hemmx dubbju, li din il-klassifikazzjoni serviet ta' xi skop fi żminijiet oħra, illum il-ġurnata qed isservi biss bħala sanzjoni soċjali fuq l-ulied li ma għandhom ħtija ta' xejn. Ilum is-soċjetà tagħna tħoss li, b'sens ta' ġustizzja, ma għandhiex tħalli dan it-timbru jibqa' jingarr għaż-żmien kollu tal-ħajja. Għad għandna numru ta' persuni fis-soċjetà li jħossuhom inqas minn ħaddieħor proprju minħabba din il-klassifikazzjoni antika. Għalhekk fil-Kodiċi Ċivili issa ser jidħlu artikoli u emendi ġodda li permezz tagħhom ser jispiċċa dan it-timbru u minflok ser jidħlu l-kliem 'tfal imwielda barra miż-żwieġ'.
2. Għall-ewwel darba ser jinbidel kompletament il-mekkaniżmu legali li permezz tiegħu missier naturali fi twelid barra miż-żwieġ ser jirrikonoxxi tarbija. Is-sistema qabel kienet li jekk raġel, huwa jew mhuwiex il-missier tat-tarbija, jidher quddiem nutar pubbliku biċ-ċertifikat tat-twelid seta' jirrikonoxxiha bħala tiegħu. Dan kien ifisser li l-mekkaniżmu jaħdem mingħajr l-omm li fl-ebda stadju ma kienet tagħti l-kunsens tagħha f'dan il-proċess. Mhux biss, iżda agħar minn hekk kien li t-tarbija kienet issib il-kunjom tagħha mibdul.

Dan issa ser jinbidel kompletament. Mad-dħul ta' dawn l-emendi fil-Kodiċi, issa kull min irid jirrikonoxxi tarbija jrid jinforma u jitlob, permezz ta' ittra uffiċjali, il-kunsens ta' l-omm u, fil-każ fejn il-wild ikun jew tkun diġà ta' l-età huwa ukoll irid jiġi nfurmat sabiex tkun dik l-istituzzjoni li tiddeċiedi jekk għandux isir ir-rikonoxximent jew le. Dan ifisser li omm dik it-tarbija ma għadhiex iżjed oġġett passiv li wieħed seta' jgħaddi minn fuqha. Inqata' abbuż u ddaħħal bilanċ aħjar f'dan il-mekkaniżmu.

### *Proġetti/inizjattivi li jolqtu lit-tfal li saru mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika Nazzjonali (NSO) matul l-2005*

L-Uffiċċju ta' l-Istatistika Nazzjonali jemmen bis-sħiħ fid-Drittijiet tat-Tfal. Waqt iċ-Ċensiment, din l-organizzazzjoni tat l-akbar importanza lit-tfal, sewwa bħala ċittadini żgħar b'kull dritt u bħala mezz biex jintlaħqu l-membri adulti tal-familji tagħhom. L-NSO (National Statistics Office):

1. Ipparteċipa fil-Fiera Internazzjonali tal-Kummerċ ta' Malta u ltaqa' ma' eluf ta' tfal flimkien mal-familji tagħhom, qassam bżieżaq, rigi u *bookmarks* lil kulħadd. Kien hemm ukoll ħames terminali tal-kompjuter li fuqhom it-tfal setgħu jilagħbu sett ta' logħbiet elettroniċi maħluqin speċjalment għalihom.
2. Ipparteċipa fil-programm SkolaSajf. Kellna norganizzaw seba' sessjonijiet mat-tfal li attendew SkolaSajf. B'kollox saru seba' sessjonijiet, sitta f'Malta u waħda f'Għawdex. Il-programm dam minn Awissu sa Settembru 2005. B'rabta ma' dan, l-NSO organizza programm ta' siegħa b'tagħrif u divertiment li kien animat minn żewġ karattri taċ-ċensiment, Ċensinu u Ċensina, u inkluda t-tqassim ta' komik edukattiv għat-tfal.

### *Proġetti/inizjattivi li jolqtu lit-tfal li saru mill-* British Council Malta *matul l-2005*

Il-*British Council Malta* beda numru ta' proġetti li jħaddmu d-dritt ta' parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ taħt l-erba' temi strateġiċi tal-pjan ta' azzjoni tiegħu:

1. L-internazzjonalizzazzjoni taż-żgħażagħ li tinkoraġġixxi l-mobilità reali u virtwali taż-żgħażagħ permezz tat-tagħlim tal-lingwi, l-edukazzjoni, l-isport, il-politika edukattiva u xogħol riformattiv:



*Sonia Camilleri waqt żjara Junior College tiltaqa' ma' l-istudenti*

   i. Tlaqqa' l-iskejjel bl-internet permezz ta' *Global Gateway*
   ii. Tagħti għajnuna lid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni (Malta) fit-tagħlim ta' l-Ingliż permezz ta' *Class Out!*, magażin bi-annwali tal-*British Council* għat-tfal ta' l-iskola sekondarja li qegħdin jitgħallmu l-lingwa.

2. Djalogu u bdil ta' ideat fuq il-valuri, identità u *issues* ta' koeżjoni soċjali. Dan jinkludi emigrazzjoni u immigrazzjoni, diversità kulturali, twemmin u identitajiet reliġjużi, bidla u transizzjoni fis-soċjetà u identitajiet ta' lingwa:
   i. *'Something Dark'* ta' Limn Sissay fid-dar reżidenzjali tas-subien ta' St. Patrick. Il-*workshop* jiffoka fuq esperjenza mill-ħajja ta' poeta Brittanniku li beda l-vjaġġ ta' ħajtu fl-Etjopja u mbagħad f'familji li jiffosterjaw u djar reżidenzjali tat-tfal fir-Renju Unit. Il-*workshop* jaħdem bis-sħiħ biex ikun interattiv ma' l-udjenza żagħżugħa.

Hija l-politika tal-*British Council* li kull attività kulturali tgħaqqad magħha *workshop* li fih jieħdu sehem it-tfal u ż-żgħażagħ.

**Rakkomandazzjonijiet**

# 3. Rakkomandazzjonijiet dwar il-ħtieġa ta' leġislazzjoni jew bidla fir-regoli jew *policies*

### 3.1 Liġi kontra l-Abort fil-Kostituzzjoni

Fid-9 ta' Mejju 2005 l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal ħareġ stqarrija għall-istampa li fiha ddikjara li l-Kummissarju ħadet pożizzjoni qawwija favur miżura li ġiet proposta biex il-liġi li tipprojbixxi l-abort tiddaħħal fil-Kostituzzjoni. Dan kien partikolarment rilevanti fil-kuntest ta' l-obligazzjoni tal-Kummissarju skond l-Artiklu 9 (h) ta' l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal li jiddikjara li l-Kummissarju għandu jippromwovi ħarsien speċjali u protezzjoni, inkluża protezzjoni legali adekwata, għat-tfal sew qabel kif ukoll wara t-twelid.



*Il-Kummissarju waqt laqgħa mar-rappreżentanti ta' l-għaqdiet taż-żgħażagħ Junior College*

L-istqarrija għall-istampa għalqet billi inkoraġġiet entitajiet oħra Maltin biex jappoġġjaw l-inizjattiva.

### 3.2 Rakkomandazzjoni lill-Awtorità tax-Xandir dwar linji gwida għall-parteċipazzjoni ta' persuni vulnerabbli fil-programmi tax-xandir

Fit-18 ta' Mejju 2005, il-Kummissarju għat-Tfal ħarġet stqarrija għall-istampa biex tesprimi appoġġ sħiħ għal-inizjattiva meħuda mis-Servizzi tax-Xandar Pubbliku (PBS) għall-protezzjoni tat-tfal vulnerabbli taħt is-sittax-il sena li ġew mistiednin jieħdu sehem fi programmi tax-xandir. Hija inkoraġġiet ukoll lill-istazzjonijiet tax-xandir l-oħra li jadottaw dawn il-linji gwida bħala il-policy tagħhom.

B'rabta ma l-istess suġġett, il-Kumissarju kitbet ukoll lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' l-Awtorità tax-Xandir biex tesprimi l-apprezzament u s-sodisfazzjon tagħha għall-mizuri li kienu qed jittiħdu sabiex il-linji gwida u l-appoġġ offrut minn aġenzija imparzjali fit-tħejjija ta' tfal li jagħżlu li jieħdu sehem fi

programmi tax-xandir, jiġu adottati mill-Awtorità tax-Xandir u b'hekk ikunu jorbtu l-istazzjonijiet tax-xandir kollha.

Il-Kummissarju rrikmandat li l-iffokar jibqa' fuq it-tfal biss u l-kliem ikun iċċarat biex jenfasizza l-pożizzjoni tagħhom bħala persuni vulnerabbli minħabba li huma minorenni. Hija ssuġeriet ukoll kjarifikazzjoni fit-terminoloġija użata partikolarmnet fejn jidħlu t-tfal.

Fil-fatt iż-żewġ rakkomandazzjonijiet ġew aċċettati mill-Awtorità u saret *section* waħda li hija biss fuq it-tfal bħala persuni vulnerabbli.

### 3.3 Rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat ta' l-Affarijiet Soċjali dwar l-IVF

Fit-23 ta' Mejju 2005 il-Kummissarju għat-Tfal kienet mistiedna tindirizza l-Kumitat ta' l-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tar-Rappreżentanti u tagħmel preżentazzjoni dwar il-Bijoteknoloġija u d-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-preżentazzjoni ffokat fuq l-effetti tat-trattament tal-IVF fuq it-tarbija qabel it-twelid u enfasizzat is-sogru għall-ħajja li hemm waqt trattament bħal dan, b'detriment għat-tarbija.

Il-Kummissarju enfasizzat il-pożizzjoni tagħha li mhuwiex dritt assolut li jkollok tarbija



*Grupp ta' żgħażagħ jiddiskutu fuq tema ta' Parteċipazzjoni waqt laqgħa ta' konsutlazzjoni organizzata mill-Uffiċċju tal-Kummissarju*



*Il-Kummissarju ma xi żgħażagħ fl-iskola tagħhom*

u li d-drittijiet tat-tfal fi proċess bħal dan għandu jkun imħares.

Biex tagħlaq hija rrakkomandat l-introduzzjoni ta' leġislazzjoni biex tirregola r-riproduzzjoni assistita u ħeġġet għall-attenzjoni fejn ir-rekord ta' sigurtà ta' ċerti metodi kien għadu qed jiġi dibattut. It-test sħiħ tal-preżentazzjoni jinstab fil-websajts www.tfal.gov.mt u www.parliament.gov.mt

### 3.4 Rakkomandazzjonijiet dwar id-drittijiet ta' l-aħwa li jgħixu fi djar residenzjali għat-tfal

F'Mejju 2005 il-Kummissarju kitbet lill-Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali b'tagħrif konness mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar id-drittijiet ta' l-aħwa li jgħixu fi djar residenzjali għat-tfal. Ir-rakkomandazzjonijiet jirreferu direttament għad-dritt ta' l-aħwa, kull meta hu possibbli, li joqogħdu flimkien jew iżommu kuntatt regolari li l-Kummissarju ħasset li huma rilevanti ħafna minħabba komunikazzjoni li rċeviet mingħand tifel li qiegħed f'*foster care* li fiha lmenta t-telfien tal-kuntatt ma' ħutu. Il-Ministru infurmat lil dan l-Uffiċċju illi l-kummenti tagħna u r-




*Il-Kummissarju ma' tfal wara laqgħa ta' introduzzjoni fuq id-drittijiet tat-tfal fl-iskola tagħhom*

rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kunsill ta' l-Ewropa kienu se jinġiebu għall-attenzjoni ta' dawk li qed jabbozzaw il-liġi proposta dwar il-*fostering*, biex jikkunsidrawhom.

### 3.5 Emenda fil-Liġi tal-Vjolenza Domestika

F'Lulju 2005, saru rappreżentazzjonijiet bil-kitba lill-Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali biex jinkuraġġixxu referenzi speċifiċi għat-tarbija mhix imwielda fid-definizzjoni ta' membru tal-familja għal raġunijiet ta' ħarsien skond il-Liġi tal-Vjolenza Domestika. L-Onorevoli Ministru imbagħad irreferiet il-proposta lic-*Chairperson* tal-Kumitat Parlamentari li kien qed jiddiskuti il-Liġi għal aktar konsiderazzjoni.

Il-Kummissarju pproponiet illi l-kliem 'qabel u wara t-twelid' ikunu mdaħħlin wara l-kliem 'ġenituri u t-tfal tagħhom' fid-definizzjoni ta' membru tal-familja fl-Artiklu 2 (iv) tal-Liġi tal-Vjolenza Domestika.

### 3.6 Rakkomandazzjonijiet lill-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità dwar apparat li jitqiegħed f'ħofret il-widna

F'Awissu 2005, il-Kummissarju kitbet lill-Ministru wara li kienu saru serje ta' kuntatti ma' ġenituri tat-tfal li kien tpoġġielhom apparat f'ħofret widnithom. Hija esprimiet l-apprezzament tagħha għall-flus li l-Ministeru tas-Saħħa kien qiegħed jonfoq sabiex l-operazzjoni meħtieġa tkun tista' ssir fuq kull



*Grupp ta' żgħażagħ waqt workshop tal-Kors fuq id-Drittijiet tat-Tfal*

tifel iżda talab illi r-*Radio Aid* meħtieġ wara sabiex l-apparat ikun jista' jintuża bl-akbar benefiċċju, ikun jista' jkun akkwistat. Billi kull operazzjoni tiswa Lm40,000 il-Kummissarju talbet li jintefqu l-Lm1,500 oħra biex jinkiseb ir-*Radio Aid* meħtieġ, ħaġa żgur aħjar milli t-tfal jitħallew jistennew żmien twil fuq il-listi tal-KNPD (Kummissjoni Nazzjonali għal Persuni b'Diżabbiltà).

Is-Segretarju Privat tal-Ministru wieġeb li t-talba se tkun ikkonsidrata fil-parametri ta' prioritajiet tad-Dipartiment tas-Saħħa.

### 3.7 Korrispondenza mal-Avukat Ġenerali u l-Ministru tal-Ħustizzja dwar armi tal-logħob

F'Settembru, il-Kummissarju daħlet f'korrispondenza mal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern u l-Avukat Ġenerali dwar emendi proposti għal-Liġi dwar l-Armi, Att 480, tal-Liġijiet ta' Malta li bihom kellu jkun revokat artiklu li jipprojibixxi l-bejgħ ta' ġugarelli li jixbhu l-armi tan-nar eċċ.

It-tweġiba affermat id-deċiżjoni li jkun revokat l-artiklu billi l-għan ewlieni kien li jkun kriminalizzat l-użu ta' l-armi tal-logħob meta jintużaw għal finijiet illeċiti. Il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern esprima n-nuqqas ta' ftehim mal-Kummissarju dwar li jkun kriminalizzat il-bejgħ ta' armi tal-logħob u kkwota li l-Ewropa tappoġġja r-raġunament tiegħu li l-pussess ta' armi tal-logħob fih innifsu mhux illegali.

Il-Kummissarju jiddispjaċiha illi l-effett ta' emenda bħal din fuq it-tfal, fis-sens li ħa jkollhom aċċess bla rażan għall-armi tal-logħob, jidher li ma tqiesx.

### 3.8 Rakkomandazzjonijiet lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjieg dwar Linji Gwida lill-Iskejjel rigward id-dixxiplina

F'Ottubru 2005, il-Kummissarju preżentat il-kummenti tagħha bil-miktub lill-Ministeru fuq il-*Policy* dwar Imġieba Tajba u Dixxiplina fl-Iskejjel.

Fir-rakkomandazzjonijiet tagħha, il-Kummissarju ssuġġeriet li jkun aġġornat id-dokument b'referenza għal tliet oqsma ewlenin:

a. il-lakuna fejn jikkonċerna t-tfal li l-ġenituri tagħhom huma separati, partikolarment fil-kuntest tas-sezzjoni 5 intitolata 'Imġieba ta' Ġenitur Mixtieqa'.
b. in-nuqqas ta' referenza għall-Iskola Mater Dei u ċ-Ċentru tas-Snajja' ta' St. Patrick u l-ħtieġa li jkunu mgħarrfin sew it-tfal kemm il-ġenituri meta tintuża t-tkeċċija.
ċ. in-nuqqas ta' qbil bejn dan id-dokument u l-wieħed aktar reċenti 'Biex it-tfal kollha jirnexxu' li jeħtieġ li jkun komplementari fil-mod kif iħarsu lejn l-affarijiet.

Il-Kummissarju ħadet ukoll l-opportunità li tfisser it-tħassib tagħha għall-mod, kif kien irrapportat fl-istampa, li bih il-Ministru tkellem dwar id-dixxiplina fl-iskejjel. Il-kummenti rrapportati tkellmu favur iż-żjieda fl-użu tat-tkeċċija b'reazzjoni għat-tfal bi mġieba diffiċli ħafna. Il-Kummissarju wriet il-biża' tagħha għall-użu ta' din l-istrateġija biex tiġi indirizzata l-ħtieġa ta' tfal li juru mġieba diffiċli jew li toffri sfida, u tkellmet favur metodi alternattivi u żjieda fl-istaff professjonali biex jittieħed ħsieb tal-ħtiġijiet ta' dawn it-tfal. Hija għalqet billi rrakkomandat illi t-tkeċċija bħala soluzzjoni għandha titwarrab akkost ta' kollox u talbet li tkun organizzata laqgħa fuq is-suġġett tad-dixxiplina għal timijiet maniġerjali ta' l-iskejjel kollha fejn ikunu jistgħu jaqsmu bejniethom il-prattiċi tajbin.

## 3.9 Rakkomandazzjonijiet lill-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità dwar l-Irdigħ (Breastfeeding)

Fit-12 t'Ottubru 2005 il-Kummissarju għat-Tfal kitbet lill-Ministru fl-okkażjoni tal-*International Breastfeeding Week.* Hija ġibditlu l-attenzjoni għall-Artiklu 24 (e) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal li speċifikament jirreferu għall-vantaġġi tal-breastfeeding u għall-*Breastfeeding Policy Monitoring Committee* li kien twaqqaf wara li tfasslet in-*National Breastfeeding Policy* fis-sena 2000. Il-Kummissarju esprimiet id-dispjaċir tagħha li ftit li xejn ħareġ mix-xogħol tal-Kumitat u l-membri baqgħu ma rċevew ebda *feedback* għat-tħabrik tagħhom. Semmiet il-pass pożittiv meta ġiet allokata kamra fil-*Post Natal Ward* ta' l-Isptar San Luqa biex tintuża bħala Klinika għall-Breastfeeding Clinic f'żewġ għodwiet fil-ġimgħa iżda lmentat għan-nuqqas ta' fondi oħra għall-promozzjoni tal-breastfeeding f'Malta, li forsi tista' tkun wieħed mir-raġunijiet għala r-rata ta' *breastfeeding* f'Malta hija hekk baxxa.

Il-Kummissarju appellat lill-Ministru biex jindika fondi għall-promozzjoni ta' *breastfeeding* f'Malta.

## 3.10 Rakkomandazzjonijiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg dwar l-inklużjoni tal-istudji tal-medja fil-kurrikulu

F'Novembru 2005 il-Kummissarju kitbet lill-Ministru dwar l-edukazzjoni tal-medja. Hija kkwotat lir-*Round Table Conference* li kien organizza l-Uffiċċju tagħha flimkien ma' l-Awtorità tax-Xandir li ffokat fuq is-suġġett 'Programmi ta' Kwalità għat-Tfal' li fih saru referenzi għal suġġerimenti magħmulin mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg b'rabta mal-ħtieġa għal aktar programmi sistematiċi u mifruxin fuq l-edukazzjoni dwar il-medja. Hija għamlet referenza ukoll għall-Istħarriġ ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika dwar it-Tfal u l-Internet li wera illi t-tfal għad m'għandhomx il-ħila neċessarja biex jassessjaw b'mod kritiku il-preżentazzjonijiet tal-medja.

Il-Kummissarju kkwotat mir-rapport annwali tagħha tal-2004 u rreferiet għal diversi taħditiet u intervisti fejn kien tressaq il-punt illi l-edukazzjoni tal-medja għandha tkun offruta lill-istudenti kollha kif titlob il-Konvenzjoni dwar id-Drittijet tat-Tfal (Artiklu 17e). Hi rrakkomandat lill-Ministru biex jikkunsidra serjament x'benefiċċji jinkisbu minn tfal f'pajjiżi oħra bil-ħsieb li l-istess benefiċċji jkunu jistgħu jinkisbu mit-tfal f'Malta.

*Reazzjonijiet li saru lill-Uffiċċju tal-Kummissarju skond l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal*

*Il-Kummissarju għat-Tfal għandu 'jiġbor informazzjoni u jinvestiga kull ksur allegat tad-drittijiet tat-tfal'. Artiklu 11 (ċ)*

*Il-Kummissarju għandu wkoll 'jaġixxi ta' portavuċi għad-drittijiet, ħtiġiet u interessi tat-tfal u joħroġ bi proposti għal miżuri li jistgħu jsolvu jew jipprevjenu konflitti bejn it-tfal u s-soċjetà'. Artiklu 11 (k)*

**Ilmenti Individwali magħmulin lill-Uffiċċju fl-2005**

| | |
|---|---|
| Adoption | 1 |
| Abbuż tat-Tfal | 21 |
| Adozzjoni | 1 |
| Armi tal-logħob u oħrajn | 1 |
| Ċentri ta' Detenzjoni | 1 |
| Delinkwenza | 1 |
| Djar | 5 |
| Edukazzjoni | 23 |
| Faċilità Korrettiva ta' Kordin u l-Kamra tal-Viżitaturi | 1 |
| Familji Separati (Aċċess) | 19 |
| *Fostering* | 1 |
| Ibbulljar | 9 |
| Imġieba mhux xierqa minn professjonisti | 2 |
| Impjiegi | 1 |
| Każi fil-Qorti - id-dewmien u l-problemi relatati | 12 |
| Klassifikar tal-wirjiet u ċ-ċensura f'Malta | 2 |
| L-ambjent urban u t-tfal | 2 |
| Magażin indeċenti espost fuq xkaffa ta' ħanut fejn jilħquh it-tfal | 1 |
| Ommijiet taħt l-età | 1 |
| Opportunitajiet indaqs | 11 |
| Ordni għall-Ħarsien | 1 |
| Postijiet ta' Divertiment | 1 |
| Pedofilija | 1 |
| Proċeduri tal-Pulizija | 1 |
| Servizzi fl-isptar | 2 |
| Servizzi għat-Tfal | 2 |
| Sigurtà Soċjali | 3 |
| Taħriġ fid-Djar tat-Tfal | 1 |
| Talbiet ġenerali għall-Għajnuna | 8 |
| Taqsima taż-Żgħażagħ fl-Isptar Monte Carmeli | 2 |
| Tfal bi mġieba diffiċli ħafna | 3 |
| Tfal u Lukandi | 1 |
| Tfal u l-Medja | 6 |
| Traffikar tat-Tfal | 1 |
| Trasport ta' l-iskola | 5 |
| Vjolenza Domestika | 5 |
| Vjolenza fuq it-Tfal | 2 |
| Wirt | 1 |
| **TOTAL** | **162** |



*Sonia Camilleri tispjega l-irwol tal-Kummissarju għat-Tfal lil tfal fi skola primarja*

Għarfien dejjem jikber tad-drittijiet tat-tfal u ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal wassal biex jikber in-numru tan-nies li fittxu l-għajnuna tal-Kummissarju f'dak li huma fehmu li kien ksur ta' drittijiet tat-tfal.

Il-parti l-kbira ta' l-ilmenti tressqu mill-adulti, għalkemm xi ftit ressquhom direttament it-tfal il-kbar. Idealment, it-tfal għandhom iħossuhom kapaċi biżżejjed li jaċċessaw l-Uffiċċju tal-Kummissarju huma stess, u għal dan il-għan l-i*stickers* bl-indirizz ta' l-*e-mail* u n-numru tat-telefon tal-Uffiċċju qegħdin dejjem jitqassmu fejn hemm it-tfal. Fil-fatt xi żgħażagħ għandhom kuntatt regolari mal-Kummissarju permezz ta' l-*email* u jgħaddulha s-suġġerimenti, l-ideat u l-ilmenti tagħhom.

In-numru ta' l-ilmenti uffiċjali li rċevejna fl-2005 kien 162, żjieda ta 100% fuq in-numru tas-sena l-oħra. Irċevejna lmenti bil-miktub u mbagħad sar appuntament biex il-persuna tiltaqa' mal-Kummissarju u telabora fuq il-kwistjoni. Mis-sena 2006, tħejjiet formola għall-ilmenti, li kopja tagħha tinsab fl-Appendiċi, u l-ilmenti se jintlaqgħu meta l-formola timtela kif xieraq.

L-akbar numru ta' lmenti din is-sena ġew mill-qasam ta' l-edukazzjoni, u ħafna kellhom jinqdew bis-servizz tal-faċilitaturi.

L-abbuż u t-traskuraġni tat-tfal segwew mill-qrib fit-tieni post, filwaqt li warajhom kien hemm il-problemi li jġibu magħhom is-separazzjonijiet tal-miżżewġin.

Għal darb'oħra reġa' deher li hemm dewmien fil-każi quddiem il-qorti, u rċevejna problemi li jgħaddu minnhom tfal b'diżabbiltà u l-familji tagħhom, u li ndirizzajniehom ħafna drabi flimkien mal-Kummissjoni Nazzjonali għal Persuni b'Diżabbiltà.

Kien innutat nuqqas ta' għarfien tas-servizzi li wieħed jista' jagħmel użu minnhom fl-oqsma tas-Saħħa, il-Ġustizzja, l-Edukazzjoni u is-Sigurtà Soċjali u l-Kummissarju sikwit sabet ruħha tirreferi lil min ġie għandha bl-ilment għal uffiċċjali jew servizzi rilevanti.

Irċevejna żewġ talbiet għal investigazzjoni uffiċjali. Waħda minnhom twaqqgħet minn min għamel l-ilment u l-oħra twettqet. Rapport sħiħ kien mogħti lill-partijiet konċernati.

Kummissarju għat-Tfal

Commissioner for Children

# Formola ta' l-Ilmenti

# *Complaints Form*

1) **Dettalji ta' min qed jagħmel l-ilment**
*Details of complainant*

a. Isem u Kunjom
*Name and Surname* ______________________

b. Numru tal-Karta ta' l-Identità
*Identity Card Number* ______________________

c. Data' tat-twelid
*Date of Birth* ______________________

d. Indirizz
*Address* ______________________

______________________ e. Kodici Postali
*Postcode* ______________________

f. Numru tat-telefon
*Telephone Number* ______________________

g. Numru tal-mobile
*Mobile Number* ______________________

h. Email
*Email* ______________________

i. ☐ Tifel/Raġel *Boy/Man* ☐ Tifla /Mara *Girl/Woman*

2) **L-ilment huwa** *The complaint is about* ☐ dwarek *you* ☐ dwar persuna oħra *another person*

3) **Jekk l-ilment qed isir dwar persuna oħra, ikteb id-dettalji tal-persuna**
**If this complaint is about another person, kindly fill in the person's details**

a. Isem u Kunjom
*Name and Surname* ______________________

b. Numru tal-Karta ta' l-Identita
*Identity Card Number* ______________________

c. Data' tat-twelid
*Date of Birth* ______________________

d. Indirizz:
*Address* ______________________

______________________ e. Kodici Postali
*Postcode* ______________________

f. Numru tat-telefon
*Telephone number* ______________________

g. Numru tal-mobile
*Mobile Number* ______________________

h. Email
*Email* ______________________

i. ☐ Tifel/Raġel *Boy/Man* ☐ Tifla /Mara *Girl/Woman*

4) **Iddeskrivi n-natura ta' l-ilment fil-qosor**
*Describe the nature of the complaint in short*

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________ ______________________

5) **Firma** *Signature* 6) **Data** *Date*

Egħmez id-dokumenti relevanti għall-ilment ma din il-formola
*Kindly attach any relevant documents to this complaint form*

Dak li ktibt huwa protett mill-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, Kap 440 u minn Artiklu 13 ta' l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal, Kap 462*
*This information is protected under the Data Protection Act, Chap 440 and Article 13 of the Commissioner for Children Act, Chap 462**

Importanti li tkun taf li l-Kummissarju ma għandu jagħmel ebda investigazzjoni dwar konflitti speċifici individwali bejn tfal u ġenituri jew tuturi tagħhom, jew bejn il-ġenituri jew it-tuturi inklużi affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-eżerċizzju tar-responsabbiltà tagħhom ta' ġenituri u kull ħaġa oħra li taqa' taħt il-kompetenza ta' xi qorti jew tribunal stabbilit bil-liġi u f'kull kaz bħal dak il-Kummissarju għandu jippreżenta lil min jagħmel l-ilment, ir-raġuni għaliex ikun qiegħed jirrifjuta" (Kap 462, Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal, Artiklu 14 (2).

*Kindly note that the Commissioner shall not carry out investigations concerning specific, individual conflicts between a child and its parents or guardians, or between the parents or guardians including matters concerning the exercise of parental responsibility and any other matter that falls within the competence of any court or any tribunal established by law and in any case the Commissioner shall submit to the complainant, the reason for the refusal. (Chap 462, Commissioner for Children Act, Article 14 (2).*

*Il-Kummissarju, l-Kunsill u kull membru tal-persunal fl-uffiċju tal-Kummissarju għandhom iżommu s-segretezza fir-rigward ta' kull ħaġa personali li jsiru jafu biha fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom u fil-qadi ta' dmirijiet u l-funzjonijiet tagħhom skond dan il-Att, u ma għandhom jikxfu ebda ħaġa li jsiru jafu biha kif hawn qabel imsemmi ħlief għall-iskop ta' xi investigazzjoni, jew prosekuzzjoni għall-reat kontra dan l-Att, jew xi reat ieħor kontra l-persuna ta' xi tifel jew tifla. (Kap 462, Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal, Artiklu 13).

**The Commissioner, the Council members, and every member of the staff of the Commissioner's Office shall maintain secrecy in respect of all personal matters that come to their knowledge in the exercise of their power and carrying out of their duties and functions under this Act, and shall not divulge any matter coming to their knowledge as aforesaid except for the purpose of an investigation, or prosecutions for an offence against this Act or any other offence against the person of a child. (Chapter 462, Commissioner for Children Act, Article 13).*